# Leħen il-Malti

MAHRUĠ

MILL-'GHAQDA TAL-MALTI' (UNIVERSITÀ)

THE ROYAL UNIVERSITY OF MALTA

ILSIEN U BANDIERA JAGHMLU NAZZJON
NEHHI WAHDA U TNEHHI N-NAZZJON

IT-XXXII 1963 GHADD 6



Il-Professur A. CUSCHIERI, D.D., Ph.D., O.C.

# LEĦEN IL-MALTI

IT-XXXII | 1963 | GĦADD 6

DAN IL-GĦADD FIH:

Ġ. AQUILINA: *Kif sa jibqgħu jiftakru f'Cuschieri?, L-għajta tal-qalb; Sitt sunetti; Dwar il-kelma 'Ġieb'* — Ġ CARDONA: *Ħodon narċis lill-poeta Ġorġ Zammit* — Ġ. CASSAR-PULLICINO: *Żieda ta' kliem u tifsir* — W.Ph. GULIA: *Meta l-mejjet ġera iktar mill-ħaj* — K. VASSALLO: *Il-ħajja I, II* — A.P. VELLA, O.P.: *Xinbi l-istorja?* — Ġ. ZAMMIT: *Il-Prof. A. Cuschieri, D.D., Ph.D., O.C.*

## KIF SA JIBQGĦU JIFTAKRU F'CUSCHIERI?*

Ta' Ġ. AQUILINA

IL-GĦAQDA tal-Malti (Università), li hija għaqda mibdija wieħed u tletin sena ilu minn żewġ studenti tal-mediċina, u miżmuma ħajja għal dawn is-snin kollha mill-istudenti ta' kull Fakoltà, kemm-il darba għamlet it-tifkira ta' xi Maltin li ddistingwew ruħhom l-aktar fil-kitba u fil-letteratura Maltija. L-aħħar Malti kbir li fakkarna kien il-Poeta Nazzjonali, Dun Karm, li għalih iddedikajna n-numru speċjali ta' *Leħen il-Malti*. Illum iltqajna biex infakkru bniedem ieħor, il-Professur Anastasio Cuschieri, li l-ġenerazzjoni ta' gradwati l-aktar anzjani jiftakruh l-iżjed bħala professur mill-aħjar tal-filosofija, u għadd akbar ta' żgħażagħ, gradwati u m'humhiex bħala l-Poeta tal-*Kelma Maltija* u tal-Madonna.

Mijiet ta' reliġjużi u sekulari mietu u għad imutu, u l-istudenti tal-*Għaqda tal-Malti* ma jsibu xejn fihom li jistħoqq li jkunu kommemorati. Nies tajbin! Imma min jista' joqgħod jikkomemora n-nies kollha tajbin li jmutu! Imbagħad, min jaf min hu tajjeb tassew ħlief Alla?

Sakemm il-bniedem idum ħaj, jekk il-pożizzjoni tiegħu tkun għolja, u dawk ta' taħtu jistennew għajnuna u favuri minn għandu, ħafna jaqilgħulu l-kappell, jidħkulu u jekk iħallihom, igħannquh ukoll magħhom, biex juruh kemm iħobbuh, u jekk jogħġbu, meta jista', jiftakar fihom! L-ipokrisija hija biċċa mill-ħajja tal-bniedem fis-soċjetà. Imma l-mewt hija l-ewwel u l-aħħar prova tas-sinċerità jew l-ipokrisija. Fil-mewt, il-ħbieb foloz

* Dil-kitba nqrat fl-Akkademja li l-istudenti ta' l-*Għaqda Tal-Malti* (Università) għamlu f'ġieħ ir-Rev. Prof. A. Cuschieri, O.C. fit-Teatru ta' l-Università fid-19 ta' Diċembru, 1962.

jaħirbu, u jibqgħu biss dawk sinċieri. Il-qabar jidfen kollox. Il-mewt ittella' l-meriti speċjali fil-wiċċ. Li kieku Professur Cuschieri ma kienx għalina ħlief wieħed mill-patrijiet, ma konniex inħossu li kien hemm raġuni għal din iċ-ċelebrazzjoni. La kien ikun aħjar u lanqas agħar minn ħafna sekulari u reliġjużi bħalu. Imma, kif għidtilkom, il-mewt ittella' l-meriti speċjali fil-wiċċ u ħafna drabi, tpatti għan-nuqqasijiet tal-ħajja, li mhux dejjem tagħti lil dak li jkun li ħaqqu. Aħna li tgħallimna l-filosofija minn għand il-professur Cuschieri nafu x'kien isarraf. Għalkemm ma tistax tgħid li hu kien filosofu oriġinali jew kreattiv, għax sa fejn naf jien, ma ħalla l-ebda opra ta' filosofija, madankollu, bħala professur, kellu l-kelma Taljana ħafifa, u l-filosofija kien jafha u jħobbha hekk tajjeb, li kien jaf iħeġġeġ l-imħabba għaliha fost l-istudenti tiegħu. Imma b'daqshekk biss, isem il-professur Cuschieri ma kienx jibqa' ħaj, għax il-memorja ta' dawk li tgħallmu l-filosofija minn għandu tixjieħ u tintemm bħalu, magħhom.

X'inhu, mela, li żamm u sa jibqa' jżomm ħaj, għal ħafna snin oħra, l-isem tal-professur Cuschieri? Saqsi liż-żgħażagħ ta' Malta u Għawdex li saru jafu b'ismu fil-kotba tal-iskola, u jgħidulek huma kif se jibqgħu jiftakruh u jħobbuh dak il-Karmelitan; u ser jibqgħu jiftakruh mhux biss fil-memorja, li bħad-dija tal-musbieħ tintefa meta jispiċċa ż-żejt tal-ħajja, imma fil-miktub tal-opra tiegħu poetika. Fuq din l-opra poetika irrid ngħidilkom xi ħaġa fil-qosor.

Żewġ argumenti li l-professur Cuschieri ħaddem l-aktar fil-poeżija tiegħu huma Il-Madonna u l-Malti. Mis-sitt poeżiji li jiena daħħaltlu fil-*Muża Maltija*, tlieta huma ddedikati lill-Madonna; imma li kieku wieħed kellu jara l-poeżiji kollha li kiteb, isib li l-akbar għadd ta' poeżiji huma ddedikati lill-Madonna. Sa hawn m'għandniex biex nistagħġbu għax, fl-aħħar mill-aħħar, għal Karmelitan liema devozzjoni tista' tkun akbar minn dik tal-Madonna? Dak li jgħaġġeb lili hija l-ħeġġa li biha kiteb fuq l-Ilsien Malti. Lanqas l-istess Dun Karm Psaila ma kiteb b'dik il-ħeġġa li ninnotaw fil-poeżija *Il-Kelma Maltija*, li fiha xeħet qalbu kollha, bħal wieħed li qed jieħu gost jipprova l-verità ta' dak li qed igħid. Min qal li l-Malti hu tqil biex tfisser ruħek bih? Ara kemm għandi ħila nfisser ruħi tajjeb, jistqarr Cuschieri. U Cuschieri kien jaf x'inhu jgħid, il-għaliex bħal Dun Karm kien bniedem ta' ħila kbira fil-lingwa Taljana. Qed ngħid għal dik il-poeżija li llum jafha kulħadd u li ser naqralkom minnha l-ewwel ħames strofi:

*Din biss, ħabib ta' qalbi,*
*għandi; din Alla tani;*
*dil-kelma li bi ġmielha*
*nitgħaxxaq ser tarani.*

*Min qal li tqila u timxi*
*bħas-sriep tkaxkar fuq żaqqha?*
*Hares kemm hi ħafifa,*
*kif titlà' u togħla f'daqqa;*

*togħla, u m'nofs is-sema,*
*hi li fix-xemx imħarrġa,*
*isseqqer fl-isbaħ safa,*
*tħares lejn l-art u tarġa'*

*tinżel; ma tafx jekk bajda,*
*jekk safra, jew jekk kaħla;*
*tilmaħba biss titbiddel,*
*tiċkien, issir daqs naħla:*

*u tidħol ġewwa l-ġonna,*
*tgħaddi minn qalb il-weraq,*
*tiddeffes ġo kull warda,*
*tixrob mill-ward il-meraq;*

Fuq il-ħidma letterarja ta' Cuschieri tisimgħu jkellmukom studjużi oħra. Poeżiji minn tiegħu li jitkellmu għalih wara mewtu ser tisimgħu jinqraw f'din l-akkademja tal-lejla. Jiena nagħlaq il-kelmtejn ta' ġieh lil professur Cuschieri billi naqralkom poeżija tiegħu, li għandha x'taqsam mal-Malti, imma miktuba bi stil ħafif kemm jista' jkun, u turi s-*sense of humour* tal-poeta Karmelitan. Din il-poeżija ltqajt magħha l-bieraħ, jien u nqalleb fil-*Habib* tal-ħdax ta' Frar, 1913. It-titlu tagħha *Ċajt u Ħlieqa!* iffirmata tliet asteriski, kif kien iħobb jagħmel. Isimgħuha:

F'kemm hawn ilsna fid-dinja,
niżlin minn fejn niżlin,
irrid ingħid mill-Lhudi,
mill-Grieg jew mill-Latin,
issib, jekk tfittex trid,
kliem minsi u kliem ġdid!

Id-*Dizzjunarji* kollha
jistmerru l-*antikwati*
u l-ismijiet iġerrgħu
tal-aħħar *ritrovati*,
għax l-ilsna hekk magħġunin,
jisselfu minn xulxin!

Imma trid tkun demm *Ċanu*
biex 'l ommok tbigħ lil ġarek
u tmur tittallab lilu
minn dak li għandek f'darek:
dan l-ilsna ma tridux
u qalbna ma troddux!

Mela, bla ksuħa, ngħidu,
kollox bil-qies u l-ħin:
Prelat, kanonku, mitra,
Indiema, Qrar, Tqarbin;
għax *dawn* kienu mill-ewwel
u *dawk* iż-żmien 'l hawn newwel!

Niftiehmu aħjar: biex issa
nitkellmu bil-kirjanza,
*ix-xedd taż-żaqq* ngħidulu:
*ventriera* u *sotta-panza:*
imma ħallejna sħiħa
*iż-żaqq*, għax qatt m'hi *xiħa!*

Daħħalna kliem kemm flaħna
Taljan, Spanjol, Franċiż:
u dieħel ukoll magħhom
(mhux hekk jixraq?) l-Ingliż:
imma l-akbar tagħbija
ġibnieha minn Sqallija!

Dan, kos! minn awl id-dinja:
ma ridtuniex jewwilla
inġibu t-*termni* ġodda
miċ-Ċina u mill-Manila?
Nissellfu minn għand ġarna
*dak li m'għandniex* ġo darna!

Imma, għad li, ma' l-iżmna,
b'kull kliem il-Malti stagħna,
fl-insiġ, fil-ġidd, fix-xeħta,
baqa', kif tnissel, magħha:
u ma joħroġx tellief
jekk jiġri mal-għorrief!

Min ma jafux, *jidbirlu*
li m'hux *serju* biżżejjed;
iżda x'ħaddied hu dana,
li qatt ma kiwa ħdejjed?!
Jitgħallem jifli, jbati,
qabel ma jaqta' u jagħti!

Mill-Belġju, mill-Ġermanja,
minn Franza, mill-Italja,
Xirkiet, Għorrief, Ministri
(kemm hemm nies ħmir u ħalja!)
jitolbu l-kotba tagħna:
sbieħ aħna, min jismagħna!

Ħalli din il-poeżija ċajtiera tkun l-aħħar tislima tiegħi llum lill-poeta li sebbaħ il-letteratura Maltija bl-aqwa poeżiji li għandna fuq il-Madonna u fuq ilsien il-poplu – il-lingwa ta' Malta u tal-Maltin.

## IL-ĦAJJA (I)

*Min qal li l-ħajja ħolma*
*kollha tlellix u lwien.*
*Min qal li hi kummiedja*
*biex niddieħku b'xulxin ma' tul iż-żmien.*

*Min qal li l-ħrajja ħrafa*
*imżewqa b'ferħ u hemm.*
*Min qal li hi traġedja*
*mitmuma ħesrem biċ-ċarċir tad-demm.*

*Min qal li l-ħajja ħondoq*
*li jaqta' nifs kulħadd.*
*Min qal li l-ħajja baħar*
*fejn titbaħbaħ fil-wisa' nies bla għadd.*

*Min qal li ħdan il-ħajja*
*artab u mieles rix.*
*Min sabu iebes ħatab,*
*kollu għoqod u ngiegeż u tikmix.*

*Min qal li l-ħajja Ġenna.*
*Min qal li qisha Infern.*
*Min sabha Purgatorju.*
To me it's Smoke with Light or Fire in turn.

11.iv.62 K. VASSALLO

# IL-PROFESSUR A. CUSCHIERI D.D., Ph.D., O.C.

*(Bil-kortesija ta' l-editur ta'* It-Tarka *tat-23 ta' Awwissu, 1962, fejn dil-kitba debret l-ewwel darba)*

Ta' ĠORĠ ZAMMIT

FIL-ĦEMDA ta' ċella fil-kunvent tal-Karmnu l-Belt, ċella mbierka li minnha għal raġunijiet ta' saħħa kien ilu xhur sħaħ ma joħroġ, miet mimli għomor u qima fil-25 ta' Lulju, bniedem li ta ħajtu kollha għall-proxxmu tiegħu, bniedem li ismu jrid jinżel fl-istorja tal-aqwa fost ulied Malta bħala predikatur, kittieb u professur.

Imwieled il-Belt fil-21 ta' Jannar 1876, il-Professur Anastasio Cuschieri daħal novizz karmelitan ta' ħmistax-il sena u ordna seba' snin wara. Għamel l-istudji tiegħu f'Malta u fl-Università Gregorjana Ruma, u meta ħa f'Ruma l-Lawrija tal-Filosofija, ġie msejjah f'Malta bħala professur ta' dan is-suġġett fl-Università tagħna.

Ħafna huma l-Maltin li kellhom ix-xorti li jkunu studenti tiegħu. Jiena li kelli din ix-xorti, nista' ngħid li l-lezzjonijiet tiegħu kienu jsaħħruk bi ġmielhom u jhennuk bl-għerf li kien joħroġ minn dak il-fomm – l-istess jistgħu jgħiduh l-eluf u eluf li għadhom jiftakru lill-Professur Cuschieri bħala predikatur, fi żmien li l-knejjes ta' Malta kienu jimtlew qtajja' ta nies li kienu jiġru warajh biex jisimgħuh. L-istess impressjoni ħallew id-diskorsi li kien jagħmel bħala senatur – kariga li għaliha ġie magħżul darbtejn.

Bniedem ta' kultura tassew kbira, magħruf bħala filosofu mill-aħjar mhux biss hawn Malta, iżda wkoll barra minn dawn ix-xtajtiet, speċjalment bħala kittieb ta' studji filosofiċi u storiċi fir-*Rivista di Filosofija Neo-Scolastica* ta' l-Università Kattolika ta' Milan u fir-*Rivista Storica Carmelitana*. Il-Professur Cuschieri kien ukoll darbtejn provinċjal tal-Ordni tal-Karmnu, u b'dana kollu sab ukoll iż-żmien li jikteb poeżiji mill-isbaħ bit-Taljan u bil-Malti.

Bħala poeta Malti, dawn il-gżejjer iridu jagħtuh wieħed mill-ogħla postijiet. Hadd daqsu ma għaraf ifisser il-ġmiel u l-qawwa ta' l-ilsien Malti. Araw kif jitkellem fuqu fil-poeżija tiegħu:

## IL-KELMA MALTIJA

*Din biss, ħabib ta' qalbi,*
*Għandi; din Alla tani,*
*Dil-kelma li bi ġmielha*
*Nitgħaxxaq ser tarani.*

*Min qal li tqila, u timxi*
*bħas-sriep tkaxkar fuq żaqqha?*
*Hares kemm hi ħafifa*
*Kif titla' u togħla f'daqqa;*

*Togħla, u minn nofs is-sema,*
*Hi, fix-xemx imħarrġa,*
*Isseqqer fl-isbaħ safa,*
*Tħares lejn l-art, u terġa'*

*Tinżel; ma tafx jekk bajda,*
*Jekk safra, jew jekk kaħla;*
*Tilmaħba biss tidbiddel,*
*Tiċkien, issir bħal naħla:*

*U tidħol ġewwa l-ġonna,*
*Tgħaddi minn qalb il-weraq,*
*Tiddeffes ġo kull warda,*
*Tixrob mill-ward il-meraq;*

*Imbagħad tiġi bil-ħlewwa*
*Tqegħdbuli fuq ilsieni,*
*Iżżanżan ġo widinti,*
*Tagħmilni kbir u hieni.*

*U meta ħajja, tferfer*
*Nilmaħba tgħodd għal ħbiebi,*
*Hemmhekk (għax nistħi ngħidu?)*
*Nitgħaxxaq dlonk bi ħsiebi;*

*U bil-kelma li titla'*
*Minn qalbi għal fuq fommi,*
*Safja, ħelwa, sabiħa,*
*Kif għallmithieli ommi,*

*Kif dari l-Belt, kif għadek*
*Fir-rħula llum tismagħha,*
*Bla xniexel fuq sidirha,*
*Fqajra, 'ma kollox tagħha,*

*Din biss, ħabib ta' qalbi,*
*Għandi, din Alla tani,*
*Dil-kelma li bi ġmielha*
*Nitgħaxxaq qed tarani.*

U mhux biss il-kelma Maltija, iżda wkoll il-għana, t-tqabbil tal-poplu, il-poeta-filosfu tagħna għaraf jinseġ biex minnhom ħareġ versi ta' poeżija tassew sabiħa, kif naraw* fil-poeżija tiegħu:

### IL-MILIED

*X'qamar abjad ileqq donnu tal-fidda!*
*Donnhom lejn l-art iħarsu mistagħġbin*
*Bi ġmielha l-kwiekeb, u donnha l-art tħares*
*'Il fuq titgħaxxaq bik, ja dawl tas-sema.*
*Imma xi kliem jaqsam il-qalb ġej riesaq*
*Minn siġra tal-ħarrub hemm f'nofs ir-raba':*
*Ninu, Ninu tal-Milied,*
*L-ommijiet jibku 'l ulied*

Mhux hekk, dari mhux hekk, bidwi, kont tgħanni:

*Tiddi kewkba mis-smewwiet*
*Fuq l-irħula, fuq l-ibliet;*
*In-nies toħroġ minn ġo darha*
*Tisma' l-għana ġej mill-wied:*
*Ninu Ninu tal-Milied.*

*Minn sħab abjad, ileqq donnu tal-fidda,*
*X'int tħares, qamar, bħal wieħed miblugħ?*
*Iva, rajt sewwa, mhux ilma, mhux ilma;*
*Dak dmija tal-aħwa, dawk xmajjar ta' dmugħ.*

Qalb ta' poeta, ruħ ta' Karmelitan, u nisel l-imħabba bid-demm Malti li għamlu dak li hu, il-professur Cuschieri ħabb lil Malta bl-akbar imħabba li iben jista' qatt iħoss lejn ommu. Iżda ta' veru Malti, ma jafx, ma jistax jaħseb f'Malta jekk mhux Malta Nisranija, kburija bil-fidi tagħna u b'ulied-ha dejjem lesti jitqabdu għal dak il-wirt għażiż li għalih missirijietna ċarċru demmhom. Dan jurihulna fil-poeżija fuq il-Kappella ta' Lourdes ta' ħdejn il-Kapuċċini tal-Furjana li jisimha *Quddiem ta' Lourdes il-Ġdida* fejn lill-Madonna jgħidilha:

*Aħjar fuq art twelidi*
*Nar jinżel li jaħraqha,*
*Jew jitla' l-mewġ għal fuqha*
*Jinbaram u jgħarraqha,*

*Inkella lejk, fi qlubna,*
*Omm ħelwa ta' kull ġmiel,*
*Tibred il-ħeġġa u tonqos*
*Bħal warda li titbiel.*

Poeta tal-ħsieb u poeta tal-ġmiel, Cuschieri jaf ipinġilna bi ftit kliem dehra li ġġibilna tbissima fuq xoftejna, bħal fil-poeżija li l-biċċa l-kbira tat-tfal Maltin jafu bl-amment, fejn waqt li ċ-ċkejken Toninu jkun aljenat,

*Tiġi n-nanna, nkiss nkiss*
*U ttih bewsa kif imiss;*

jew fil-poeżija *Xbieha Żgħira tal-Madonna li Għandi F'Kamarti.* F'din il-poeżija, wara li jgħid li x-xbieha turi lill-Madonna, bil-Bambin qiegħed f'ħoġorha, qed tpoġġi sebagħha fuq xuftejha biex turu lit-tfajjel San Ġwann li ma għandux jitniffes, biex iħalli lill-Bambin rieqed, il-poeta jdur lejn l-Omm Divina:

*Kemm int ħelwa, o Marija,*
*B'dak is-sebgħa fuq xuftejk!*
*U xi ħniena, u xi ħlewwa*
*F'dik il-ħarsa ta' għajnejk!*

*Le, tħallix lil min imissu,*
*Ħallih rieqed, o Marija,*
*Għax jekk issa għajnejh jiftaħ*
*Ma jarax ħlief dmugħ u dmija.*

Ta' veru Karmelitan, il-Professur Cuschieri wera mħabbtu lejn il-Madonna tal-Karmnu f'għadd kbir ta' poeżiji tal-ogħla ġmiel. Lilha hu offra żgħożitu, saħħtu, il-qawwa ta' lsienu u tal-pinna tiegħu, u dak il-għerf li bih Alla għoġbu jżejnu. Hekk insibu miktub fl-aħħar strofa tal-lirika:

### FIS-SANTWARJU TAL-KARMNU

*Omm u xbejba ta' kull ħlewwa,*
*Li bik biss il-qalb titbenna,*

*Tħallinix aktar nistenna,*
*Tħallinix iżjed li nara*
*Dix-xmara*
*Ta' dmugħ għaddejja:*
*Ejja, ejja,*
*Fuq is-sodda tal-mewt tiegħi;*
*Ejja fis agħlaq għajnejja:*
*Lilek, ja xbejba,*
*L-aħħar sejħa,*
*L-aħħar kelma ta' xoftejja.*

U kien nhar ta' Erbgħa, ġurnata għażiża għall-Madonna tal-Karmnu, li l-*Poeta tal-Madonna* ħalla d-dinja biex jittajjar lejn is-saltna fejn il-poeta jsib il-mistrieħ.

## IL-ĦAJJA (II)

*Il-ħajja moxa u mergħa*
*fejn jitħarrġu għall-ġiri dwieb u żwiemel,*
*jirgħaw biex jismnu baqar u għoġiela,*
*jagħtu biż-żewġ, jinħqu u joqomsu l-ħmir.*

*Il-ħajja ġnien bil-fjuri*
*fejn iżanżan in-naħal li jħobb l-għasel,*
*iliegħeb il-bebbux maz-zkuk u l-ġebel,*
*iħuf id-dud u friefet ħfief ittir.*

*Il-ħajja nħasa kbira*
*tagħli, tbaqbaq u tfawwar b'min iħobb,*
*b'min jobgħod, b'min isewwi u b'min iħarbat,*
*b'min ibierek, b'min jisħet dak li jsir.*

*Il-ħajja pont li jgħaqqad*
*in-nieqa mat-tebut, mal-bidu t-tmiem,*
*mat-tmiem il-bidu ta' ħajja oħra ġdida*
*li ż-Żmien ma jkiddha u lanqas it-Taħsir.*

11.iv.62 K. VASSALLO

# META L-MEJJET ĠERA IKTAR MILL-ĦAJ

Ta' W.PH. GULIA

NISTĦAJJEL hawn min igħid: 'Dan biex ġej illum? Mela jista' jkun li l-mejjet jiġri iktar mill-ħaj? Il-mejjet l-anqas biss jiċċaqlaq, aħseb u ara kemm ser jiġri iktar mill-ħaj!' Haġa waħda biss ngħid: li din il-praspura ġrat lili; u li jekk hemm xi ċajta, iċ-ċajta qegħda fuqi.

Mela daqs ħdax-il xahar ilu, jum il-Ħadd, meta stenbaħt fil-għodu sibt li ma stajtx ninżel mis-sodda min-naħa tas-soltu għax ma' tul il-lejl, bla ma ntbaħt b'xejn, kien għadda minn fuqi riħ ta' puplesija u ħallieli nofs ġismi ma jitħarrikx. M'hemmx għalfejn intawwal fuq x'ġara u ma ġarax, għax ma għandux x'jaqsam għal kollox mal-praspura li rrid nirrakkonta. Bil-ftit il-ftit bdejt għaddej 'il quddiem sakemm fl-aħħar wasal il-jum meta sieqi bdiet tiflaħni fuqha u bdejt nati xi pass; u fl-aħħar ukoll bdejt noħroġ nimxi bl-għajnuna tal-bastun li minn għand in-nannu kien għadda għal għand missieri, u minn għand missieri kien għadda għal għandi. Biss kemm in-nannu u kemm missieri kienu jinqdew bih fiż-żmien li l-bastun kien għadu fil-moda; fil-waqt li jien kelli ninqeda bih biex inserraħ it-toqol tiegħi fuqu meta nimxi.

Xi erba' xhur ilu mbagħad, u allura kont diġa' bdejt infekren ġmieli bil-bastun u nterraq mal-Belt, ġriet l-aħbar f'daqqa waħda li l-Professur Cuschieri, il-poeta tal-Madonna, kien ħalliena. Lill-Professur Cuschieri qatt ma kont rajtu jew ma sirt nafu personalment; biss ismu kien għalija isem kbir ħafna mħabba x-xogħol oriġinali tiegħu fil-qasam tal-poeżija Maltija. Malli smajt, bdew għaddejjin minn rasi dehriet imnebbhin mill-versi tiegħu li huma wisq għal qalbi: Il-Milied, il-Kelma Maltija, il-Poeżiji tal-Madonna, u f'daqqa leħħu f'rasi dawk l-istanzi qalila mill-poeżija tiegħu *Quddiem ta' Lourdes il-Ġdida*, li fil-fehma tiegħi tagħmel lill-Cuschieri l-poeta tas-*Self-Government* iktar minn kull poeta ieħor, Dun Karm magħdud. U stennejt li l-għada fil-għodu meta l-ġurnali jitkellmu fuq il-mewt tiegħu, huma kienu sejrin isemmu dawn l-istanzi, xejn xejn imħabba d-dawl li setgħu jixħtu fuq il-kuntest tal-kriżi politiko-reliġjuża li konna għadna għaddejjin minnha, u fl-istess nifs għamilt ħsieb li tajjeb jew ħażin immur għall-funeral tiegħu.

L-għada fil-għodu, għalkemm il-ġurnali tkellmu fuq il-poeta tal-Madonna, sibt li l-ġurnalisti kollha kienu qabżu l-istanzi qalila tal-poeta tas-*Self Government*. Jista' jkun għax ħadd minnhom ma kien daħal 'il ġewwa biż-



*Bil-kortesija tat-*Times of Malta

*Tratt meħud meta ngħata r-ritratt tal-Professur A. Cuschieri mill-*Għaqda tal-Malti (Università) *lir-Rettur J.A. Manchè (xellug) wara diskors li kien għamel il-Professur Ġ. Aquilina (lemin) fl-okkażjoni tal-preżentazzjoni li saret fl-uffizzju tar-Rettur fit-30 ta' Mejju, 1963.*

żejjed fl-ispirtu tal-poeżija Maltija b'mod li jogħla 'l fuq mill-*cliché* imtenni *ad nauseam* li Cuschieri kien il-poeta tal-Madonna u għalhekk ma setgħux, jew ma għarfux, jiċċaqalqu imqar pulzier mill-linji li kulħadd jaf bihom. Jista' jkun ukoll li bħala ġurnalisti ħassew li għandhom jatu lil poplu dak li l-poplu jaf u jrid, u li ma kienx il-każ li jerġgħu jagħmlu apprezzament ġdid li jista' jtaqqal l-imħuħ battala tan-nies mehdija tqasqas fuq in-nies.

Wara kollox liema huma dawn l-imbierka stanzi li fuqhom qed nagħmel dan il-plejtu kollu? L-istanzi huma dawn:

*Issa li jedd ħwejjiġha*
*sa fl-aħħar ser ikollha,*
*minn qalbek il-għażiża*
*tħallix 'il ħadd iħollha:*
*Jekk għandha lejk il-Qima*
*mal-jedd il-ġdid tiċkien,*
*aħjar nitilfu kollox*
*u nerġgħu għal li kien.*

*Aħjar fuq art twelidi*
*nar jinżel li jaħraqha,*
*jew jitla' l-mewġ għal fuqha*
*jimbaram u jgħarraqha,*
*inkella lejk fi qlubna,*
*Omm ħelwa ta' kull ġmiel*
*tibred il-ħeġġa u tonqos*
*bħal warda li tidbiel.*

Jidhirli li dawn il-versi jitkellmu waħidhom u li ma għandix għalfejn intertaqhom biċċiet biex noħroġ il-ġmilijiet tagħhom, l-aktar f'*essay* bħal dan.

Dak in-nhar fil-għodu wkoll ċempluli mill-Università biex jgħiduli li l-membri tal-Università kienu ser jieħdu sehem fil-funeral flimkien u billi, kif għedt, kont diġa' għamilt il-ħsieb li mmur nati l-aħħar tislima lill dan il-bniedem li ma kontx naf personalment, iżda li l-ħsebijiet tiegħu kienu twaħħdu miegħi għal għomri, ħadt il-ħin u l-post ta' fejn kellna niltaqgħu biex immur ma' sħabi.

Hekk għamilt. Il-funeral kien għall-erbgħa u nofs ta' wara nofs in-nhar. Kienet ġurnata xemx tisreġ minn dawk li Lulju jaf ifemaq fuq Malta, u għal xi t-tlieta u nofs ta' wara nofs in-nhar, wara tbaħbiħa sabiħa fl-ilma frisk, tqartast f'libsa kaħlanija tas-sajf (magħmula l-Italja — dak id-drapp sabiħ fil-għajn, ħafif fil-qabda, iżda jxewwek ħafif, ħafif) u tlaqt mid-dar tiegħi fit-triq tal-Karmnu, il-Belt fit-taqsima ta' wara s-suq biex fl-erbgħa, kif konna miftehmin, inkun fil-Knisja tal-Karmnu fl-istess triq, il-Belt.

Wasalt il-Knisja tal-Karmnu u dħalt. Sibt ġemgħa nies sewwa, għalkemm deherli li messu kien hemm iktar; u sirt naf li mill-Knisja tal-Karmnu l-mejjet kellu jintrefa' u jittieħed sa Putirjal bin-nies jimxu warajh; imbagħad minn Putirjal min ried seta' jieħu karrozza tal-linja għall-Imdina fejn kellha ssir id-difna. Jien għamilt il-ħsieb, għad li kien hemm minn ħassarli, li nwassal il-mejjet sa Putirjal, imbagħad nerġa' lura għad-dar.

Meta sar il-ħin, waslu r-reffiegħa u l-bekkamorti, ħareġ il-kappillan u bdew jitqassmu l-kuruni, prinċipali fosthom dik ta' l-Università fejn il-mejjet kien għadda żmien sabiħ igħallem, u kif! il-filosofija. Imbagħad ħarġu bil-mejjet, warajh imxew il-Patrijiet tal-Karmnu, il-qraba tiegħu, il-President tal-Qrati, ir-Rettur u l-Professuri ta' l-Università u l-istudenti bit-toga, kapijiet ta' Dipartimenti tal-Gvern, membri tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti,* u għaqdiet oħra u n-nies individwali. Jiena mxejt ma' ta' l-Università kif kont miftiehem.

Għal bidu moma ħarir. Imxejna pass pass u laħħaqt tajjeb mal-pass solenni tal-bekkamorti. Imma ħej, it-triq bejn tal-Karmnu u l-Palazz tista' tgħid li tinqasam fi tnejn: l-ewwel hemm biċċa wita bejn tal-Karmnu u Triq l-Ifran; imbagħad it-triq tinbidel f'telgħa sa Misraħ il-Palazz. Terġa' l-bekkamorti ma kenux minn dawk li jaqbdu pass u jibqgħu bih; imbagħad il-piz fuq spallejhom kien u ngħiduha kif inhi tistenna li f'dik is-sħana ta' Lulju taħt il-faldrappa, il-bekkamorti mhux ser joqgħodu jħabblu rashom wisq fuq l-aspetti dinjitużi tal-mixja tagħhom. U nafuha din: li min ikun qed jerfa' meta jiġi għat-telgħa jipprova jħaffef biex ifittex jasal. U l-bekkamorti dak in-nhar hekk għamlu; malli ħassew it-telgħa, telqulha qishom jiġru bil-mejjet fuq spallejhom. Jien għamilt l-almu lili nnifsi u ntfajt għad-deffa. Iżda kull ma jmur il-pass tal-mejjet beda jgħaġġel iktar. Ħarist lejn dawk ta' madwari u sibt li għalkemm bi tbatija kienu qed ilaħħqu tajjeb; iżda sieqi ma ridetx tgħaġġel daqs kemm kieku xtaqha tagħmel moħħi, u ftit ftit bdejt nintebaħ li bejni u dak ta' quddiemi kien qiegħed jitfaċċa ċertu battal, li kull ma jmur kien qiegħed jiżdied u jitwal. Għall-ewwel ma kienx aktar minn pied; iżda mbagħad sar jarda u iktar, u meta wasalna ħdejn Triq id-Dejqa kien hemm divrenza ta' l-isbaħ għaxar piedi. Għalhekk qtajt, bejni u bejn ruħi, li l-aħjar la l-mejjet kien hekk mgħaġġel għad-difna, li l-ħaj iwasslu biss sa Misraħ il-Palazz u l-kisra ta' Triq Irjali. Hekk għamilt; komplejt ngħaġġel sakemm wasalt sal-kisra ta' Triq Irjali u hemm għalkemm sħabi ma ridunix, sellimt lil sħabi ħajja li baqgħu mixjin mimlijin bil-ħajja u bil-għomor u sellimt għall-aħħar darba lill-poeta tal-Madonna u tas-*Self Government.* Ħassejtni ċert li mill-ġenna tiegħu li min jaf b'liema seħer filosofiku kien qiegħed jistħarreġ dak il-ħin, tbissimli u sellimli, għalkemm f'għomru qatt ma tkellem miegħi. U stħajjiltu qed jitbissem bil-kuntrast tal-mejjet jiġri u l-ħaj ifekren warajh mimli bil-għomor, iżda nieqes minn dik il-ħeġġa li mliet il-bekkamorti f'dak in-nofs ta' nhar ta' Lulju xemxi jiġru bil-piż ta' ġismu fuq daharhom, jilġu taħt il-faldrappa u jħeffu qabel jonqos in-nifs.

# XINHI L-ISTORJA?

Ta' A. VELLA, O.P.

IL-KELMA storja ġejja mill-Grieg *Historia,* li tfisser għerf miksub bit-tfittix.

L-istorja hija dik l-arti li żżomm tifkira tal-ħajja tal-bniedem jew tal-għaqdiet bejn il-bnedmin, kif ukoll tat-tibdil li dawn ġarrbu matul iż-żminijiet, tal-prinċipji li bihom ġew determinati l-azjonijiet tagħhom, u tal-kondizjonijiet ġeografiċi jew fiżiċi, bħall-klima, li għenuhom jew fix-kluhom fil-mixja tagħhom 'il quddiem fil-medda taż-żminijiet.

Għalhekk is-suġġett ta' l-istorja huma r-*Res gestae,* għemil il-bniedem.

Il-għan ta' l-ewwel kittieba ta' l-istorja kien li jżommu ħajja t-tifkira tal-għemil erojku ta' dawk il-bnedmin li fil-gwerer kisbu rebħiet b'riżq in-nazzjon. Għalihom l-istorja ma kinetx ħlief il-glorifikazjoni kemm ta' l-eroj u kemm tan-nazjon. Hwejjeġ oħrajn, bħal kif kienu jgħixu u jaqilgħu l-ħobża ta' kuljum, jew x'għamla ta' gvern kellhom, ftit u xejn igħidu-homlna.

Din ix-xejra fil-kitba ta' l-istorja tkompliet sa żmien il-Kroċjati u saż-żmien kavalleresk (sekli XI-XII), meta nsibu mniżżla bl-irqaqat kollha d-dwelli – ġlied bl-armi bejn tnejn min-nies – quddiem żewġ parrinijiet biex jinqata' darba għal dejjem xi tilwim bejn il-ġellieda, laqgħat sportivi, ġrajjiet kbar militari, u ħwejjeġ bħal dawn. U billi fiż-Żminijiet tan-Nofs in-nies kienu reliġjużi ħafna, fil-kitba ta' dak iż-żmien l-element sopra-naturali jidher sewwa, għax fir-rebħiet u l-ġrajjiet kbar dejjem tissemma l-Providenza t'Alla – u bosta drabi jissemmew ukoll il-mirakli.

Element ieħor fil-kitba ta' l-istorja, li bih ir-rumanzieri nqdew bħala sfond biex fuqu jibnu l-aneddoti bijografiċi tagħhom, kien id-deskrizjoni tal-ħajja tas-slaten u tal-kortiġjani tagħhom, it-taħwid tan-nobbli u l-iskandli ta' min kien jaqdihom, u t-torturi li kienu jingħataw lill-ħatja u lill-irsiera.

Id-diplomazija, dik is-sengħa li ġġib ftehim bejn in-nazjonijiet jew tmexxih 'il quddiem, bdiet issir ukoll suġġett importanti fil-kitba ta' l-istorja – ħaġa li nistgħu ngħiduha wkoll għal żminijietna.

Minn xi mitejn sena 'l hawn l-istorja ħadet xejra wisq aktar interessanti. Għorrief kbar bdew isemmu leħenhom kontra kull għamla ta' storjografija. Riedu li fl-istorja jitfakkru mhux l-iskandli, il-kontrabandi, it-taħwid u d-drawwiet ħżiena tan-nies, iżda l-virtujiet u l-għamil tajjeb tagħhom, u s-sehem kollu li taw b'risq il-bnedmin, il-kultura, il-għerf, il-puli-

tika, l-arti u l-letteratura. Riedu illi l-ġrajjiet inħarsu lejhom bl-istess kriterju li kellhom in-nies li għaddew minnhom, u ma nkabbruhomx iżżejjed, iżda nagħirfu ngħarblu dak li hu veru minn dak li mhuwiex. Riedu wkoll illi ssir firda bejn dak li hu naturali u dak li hu sopranaturali, jiġifieri l-ġrajjiet l-imgħoddija nfissruhom bir-raġuni, u mhux ta' kull darba ndaħħlu l-misteru u l-mirakli.

Hekk qiegħda tinkiteb u tiġi studjata l-istorja llum. Le, l-istorja mhix taħlita ta' ġrajjiet u ħrejjef, imma hija arti l-iżjed serja, li mingħajrha ebda ċittadin ma jista' jimxi 'l quddiem fil-kultura.

L-istorja mhix ħaġa ħafifa kif jaħsbu ħafna. Jitqarrqu dawk l-istudenti li jagħżlu lilha minn suġġetti oħra li jidhrulhom itqal. Jekk l-istudent ma jħaddimx moħħu biex iqiegħed il-ġrajjiet fil-prospettiva sewwa tagħhom, jiġifieri kif dehru tabilħaqq u f'posthom; jekk huwa ma jintrefax 'il fuq mill-bluha tat-tfal u ma jwarrabx l-impressjonanti u s-sensazjonali biex jagħżel dak li tabilħaqq ġieb tibdil fis-soċjetà; jekk ma jżommx qies xieraq bejn l-astratt u l-konkret fil-ġrajjiet; allura l-istorja tisfa ħaġa bla togħma, li mhux biss ma jkunx jistħoqqilha tissejjaħ xjenza kif iridu xi wħud, imma anqas arti.

It-toqol ta' l-istorja jinsab filli wieħed irid igħarbel tajjeb l-imgħoddi – u l-preżent ukoll – li huma miżgħudin bil-qerq. Infatti l-istorja hi minn qaddisha aktarx meqjusa b'miżien ħażin. Il-kotra l-kbira ta' dawk li jfakkru l-ġrajjiet donnhom aktar jinqalgħu biex iniżżlu li hu eċċezzjonali, impressjonanti u sensazjonali, u ftit iħabblu moħħom biex idaħħlu fil-kitba tagħhom dak li hu normali, li hu proprju s-suġġett ta' l-istorja. Dan aktarx isir għax in-nies tiddejjaq taqra u tikteb fuq ħwejjeġ li wieħed jiltaqa' magħhom kuljum, filwaqt li kulħadd jinteressa ruħu minn dak li hu aktar sensazjonali. Hekk jiġri fil-gazzetti ta' kuljum, li huma r-*records* ta' l-istorja ta' żmienna. Naqraw, ngħidu aħna, li dar qabdet, li ajruplan waqa' b'mija w ħdax-il ruħ fuqu, li karrozza tfarrket, li xi flus insterqu minn Bank; imma kemm eluf u eluf ta' djar li ma qabdux, ta' ajruplani li ma waqgħux, ta' karrozzi li ma ħabtux, ta' liri li ma nsterqux, dan ħadd ma jgħidu. Mela l-ġrajjiet li komunement naqraw fuqhom mhumiex il-ħajja normali, iżda l-eċċezjonali, u l-eċċezjonali ma jagħmel qatt il-vera storja. Għalhekk l-istorja għandha tkun tifkira *record* ta' għemil il-bniedem, talħidma u l-invenzjonijiet magħmula minnu, tal-prinċipji li bihom ġew determinati l-azjonijiet tiegħu, tas-sura ta' gvern li kellu – monarkiku, repubblikan, demokratiku, dittatorjali, tal-progress li kiseb matul iż-żminijiet, u tar-relazjonijiet bejn il-ġnus.

Iżda hawn nifthu għajnejna biex ma nħalltux l-istorja mas-soċjoloġija, mal-filosofija u mal-poeżija.

L-istorja ma turiniex kif inħollu l-problemi ta' żminijietna: dan xogħol is-soċjologu, li jistudja l-ekonomija tal-pajjiż; jagħmel statistiċi, u jiġbed konklużjonijiet mill-liġijiet li jmexxu r-relazjonijiet bejn il-għaqdiet tan-nies.

Il-filosofu wkoll jistudja l-liġijiet ġenerali; iżda mbagħad dmiru hu li jagħti tifsira raġunevoli tal-ħwejjeġ, għax għalih l-imgħoddi mhuwiex ħannieqa ta' ġrajjiet maħlulin minn kull irbit tal-ħajja, iżda huwa mera li fih jilmaħ x'kien li ġagħal lin-nies jaħsbu mod u mhux ieħor u jiffurmaw sistemi ta' tagħlim tajba jew ħżiena.

Il-poeta jew ir-rumanzier, għad li huwa wkoll isemmi fatti storiċi, il-għan ewlieni tiegħu mhuwiex li jniżżel il-ġrajjiet xotti xotti u jfissirhom, iżda li jagħti gost lill-qarrejja tiegħu; u għalhekk idaħħal ħafna l-element tal-fantasija u ta' l-immaġinazjoni fid-deskrizjonijiet tiegħu.

X'tagħmel mela l-istorja u x'tgħallimhom lill-bnedmin?

L-ewwelnett l-istoriku jrid ifittex id-dokumenti: manuskritti li nkitbu fiż-żmien stess li fih saru l-ġrajjiet, kronaka, annali, bijografiji, *memoirs*, djarji, ġenealoġiji, rapporti diplomatiċi, kitbiet fuq monumenti, eċċ.; fejn jista', għandu wkoll jieħu tagħrif dwar il-ġrajjiet minn għand in-nies li rawhom isiru b'għajnejhom. Barra minn dan, l-istoriku jrid ukoll iżomm quddiemu t-tradizjonijiet mhux miktuba li waslulna minn fomm għal fomm, minn nisel għal ieħor, aneddoti, *folklore*, u ħwejjeġ oħra li b'xi mod igħinuh jagħmel kwadru kemm jista' jkun ġenwin ta' l-imgħoddi.

Wara li jkollu f'idejh dan il-materjal kollu, irid jistudjah, u, biex jifhmu, jenħtieġlu qabel kollox jistħajjel lilu nnifsu jgħix fiż-żmien li saru l-ġrajjiet. Huwa m'għandux ifissirhom skond iċ-ċirkustanzi ta' żmienu, u anqas jagħmel paraguni bejn l-imgħoddi u llum, biex jeħodha kontra n-nies ta' dari għax ma kinux jaħsbuha bħalna. Min jagħmel hekk ikun jitqarraq u jqarraq, u l-istorja tikkundannah bħalma tikkundanna s-sistema hekk imsejħa *Whig interpretation of history*. Bid-dokumenti f'idejh, l-istoriku għandu jgħarbel jekk dawn ikunux uffiċjali jew privati, awtentiċi, dubbjużi jew foloz; jara jekk kinux ġew miktuba taħt xi pressjoni, bħalma ġie li jiġri f'dokumenti ta' l-istat fi żmien ta' gwerra; u jfittex il-għejun li minn-hom il-kittieb ikun kiseb it-tagħrif biex ħalla dawk id-dokumenti.

Minn dan jidher ċar, mela, illi l-kitba ta' l-istorja hija bħal att reliġjuż, tenħtieġ illi l-moħħ ikun safi minn kull preġudizju, u li l-qalb tkun ħielsa minn kull simpatija jew antipatija lejn persuna jew għaqda ta' nies jew ġens; fi kliem ieħor, il-kittieb irid ikun imparzjali u għandu jibni l-imgħod-di bil-għerf u bil-għaqal ħalli jagħti lill-qarrejja kwadru ċar kemm jista' jkun biex igħallem is-sewwa u xejn ħlief is-sewwa.

Għalhekk hija tqila l-istorja, għax ix-xogħol tagħha jixbah lil dak ta'

l-imħallef li jrid jiġġudika l-imgħoddi biex jagħti l-verdett lill-akkużat u jaqtagħlu s-sentenza li tkun tistħoqqlu u tixraqlu skond il-ħaqq, ta' kundanna jekk ħati, ta' ħelsien jekk le.

L-istorja anqas ma għandha tinkiteb bi spirtu partiġġjan ta' nazzjonaliżmu żejjed li jġagħlek tara f'pajjiżek art aqwa f'kollox minn kull art oħra, u li fih ma ssib xejn x'tikkritika u x'tirranġa, filwaqt li tnissel mibegħda lejn artijiet u ġnus oħra.

Hekk ukoll l-istorja ma tistax tinkiteb bi spirtu partitarju li jpinġi bl-iswed il-gvernijiet ta' l-imgħoddi, inissel mibegħda bejn klassi u oħra, u jħeġġeġ għall-vjolenza bħala mezz għar-rebħa tal-partit. Għall-kuntrarju, l-istorjografu għandu jgħallem illi d-drittijiet kostituzjonali, l-emanċipazzjoni ġenerali, is-servizzi soċjali mhumiex ħwejjeġ maħluqin f'daqqa qisu b'seħer minn bniedem, partit jew gvern wieħed, iżda huma frott ta' sigra li nżergħet mill-ġenerazzjonijiet li għaddew, issaqqiet mill-ġenerazzjonijiet ta' wara, sakemm waslet ġenerazzjoni li setgħet taqta' u tistgħall il-frott tagħha. Irridu nkunu tassew suppervi u qalbna iebsa biex ma nagħirfux ix-xogħol li ħadu ta' qabilna u ma nibqgħux nafuhulhom. L-istorja tgħallem illi għemil il-bniedem jagħti l-frott tiegħu bil-mod, u hekk kull ġenerazzjoni tqiegħed saff ta' ġebel fuq ieħor fil-bini ta' dan il-palazz, id-dinja li ħalaq Alla. U hekk l-istorja teqred kull ambizzjoni personali u partiġġjana, u tnissel it-tama, mhux il-biża', fil-ġejjieni. Hija tgħallimna, li biex aħna wsalna fejn wasalna llum, missirijietna kellhom iħabbtu wiċċhom aktar minna ma' xkiel u tweghir aqwa minn tagħna, u għalhekk iġġagħalna mhux immaqdruhom u nisħtuhom, imma nibqgħu nafuhulhom u nistqarru b'qima illi l-ġid li ġiena fi żmienna nafuh lilhom b'xi mod.

Jalla dawk li jiktbu l-istorja jagħirfu r-responsabiltà tagħhom quddiem Alla u quddiem is-soċjetà u jżommu dejjem quddiem għajnejhom illi l-kitba ta' l-istorja huwa att qaddis, għax meta jiġu biex jiġġudikaw l-imgħoddi jenħtieġ li ma jkollhomx għan ieħor ħlief dak li jgħallmu lill-bnedmin ta' llum kif għandhom igħixu, u x'għandhom jagħmlu meta jsibu ruħhom fl-istess baħar li minnu għaddew missirijietna, halli b'hekk jiksbu riżq, ġid u hena għalihom u għal uliedhom.

# SITT SUNETTI TA' Ġ. AQUILINA

## SHAB IL-HOLM

*Sħab abjad qisu gawwi jħuf mar-riħ*
*Fuq ġwienaħ jiddu mifruxin fid-dawl,*
*Sħab iswed, rix l-għorab jonkella ċ-ċawl,*
*Jinġama' waħda waħda bla mistrieħ,*
*U l-għajn ferħana żżewwaq dat-tixbib*
*Ta' ħolm is-sħab li jleħħnu, b'nifsbom, qawl*
*Fuq sejf tan-nar li ħaraq ruħ San Pawl*
*Meta ra 'l Alla w wiċċu far u sbieħ.*

*Madwar is-sħab jinġabar qajl is-skiet,*
*Jikber u jogħla bħal muntanja kbira*
*Li minn ġo fiha tleħħ nirien ta' dija.*
*Jekk tgħidli li dan qerq ta' Att l-Imwiet*
*Fwar u tbewdin ta' Ruħ marbuta lsira*
*Jien xorta ngħidlek tħalli dal-qerq fija.*

19.iii.62

## IL-HAJJA

*Mgħottija resqet fuqi; bħal tarbija*
*Qabditni mn'idi w qaltli: Ejja wrajja.*
*Min int saqsejtha? Wieġbet: Jien il-Hajja*
*Ittawwal bħal ġo ħġieġa minn ġo fija.*
*Għamilt kif qaltli. Id-dalma ta' fl-għaxija*
*Għall-ewwel satret il-widien u t-tlajja'.*
*'Ma dlonk quddiemi debret kollha l-ġrajja*
*Ta' jasar u ta' qerq ulied il-ħtija.*

*Tbikkimt u bkejt għax ħlomt il-ħajja safja*
*Bħan-nida fuq il-ġezża ta' ħaruf*
*U logħob ta' lwien bħax-xemx ta' ġol-qawsalla*
*Għadabt, tnikkitt, ħassejt ġo qalbi għafja*
*Għad-debra ta' dal-ħażen mbux magħruf.*
*Għajjatt: "Hallili għall-anqas tama f'Alla!"*

19.iii.62

## IŻ-ŻIEMEL TAL-HAJJA

*Żiemel maħrub iż-Żmien — żiemel bla lġiem;*
*Riġlejh milwija mtajjra ma' l-irjieħ;*
*Nifsu tan-nar imħarħar imma sħiħ*
*Għaddej milbut u mnaffar mingħajr sliem.*
*Hadd lewma għal dil-ħarba w la kliem;*
*Rikkieb fuqu ma' għandux; is-sarġ neħħieh.*
*Widnejh weqfin u donnu mingħajr smigħ.*
*Tqawqib in-nagħal iħassar kull egħliem.*

*Żiemel maħrub imnaffar fejn hu sejjer,*
*Għat-tliegħi w għall-inżul mingħajr waqfien*
*Lejn l-għarb fejn tgħib ix-xemx ta' Filgħaxija?*
*Ma jieqaf qatt. Għalxejn ngħajjat u nxejjer;*
*Rasu 'l quddiem hu jgħaddi mingħalija*
*Xewqan li l-Lejl jobormu ġod-dagħbien!*

19.iii.62

## IT-TFULIJA

*Nixtieq iż-żmien ta' qabel l-irġulija*
*Li naf jisfa minn moħħi bħal taħżiża*
*Ta' kitba mħassra; 'mma tifkira għażiża*
*U daqsbekk biss. Żmien wieħed — it-tfulija,*
*Il-qalb għasfura tgħanni bla kburija*
*Il-qalb sħuna bix-xemx mingħajr tingiża*
*Ta' għira jew ta' regħba xiħa w griża*
*Li tkerrah ġbin il-kobor bis-sfurija.*

*Niċkien, mbux nikber xtaqt; nerġa' mmur lura*
*Lejn żmien il-logħob ma' sħabi tal-Munxar*
*Ix-Xlendi, w l-Għalqa l-Kbira u Ta' Marziena*
*Fejn il-kalkara darba kont bnejt dura.*
*U żrajt il-qamħ ir-rum u ponn ġilbiena:*
*Holma tat-tfal ma ddumx. Li għadda mar!*

19.iii.62

## FARAĠ L-GHAJJIENA

*Meta jitqal il-lejl fuq xfar għajnejja*
*Miftuħa, mingħajr ngħas, wil-ħemda tqila*
*Tbażżagħni, u tħallini mingħajr ħila,*
*Fommi marsus, kull ħoss għajta f'widnejja,*
*Twerżiq ta' ruħ mitlufa riesqa lejja,*
*F'qalbi nsejjaħ isimha, ngħajjat LilHa*
*Dawl t'Alla u tal-pitturi l-isbaħ tila,*
*U f'moħħi mbewden nitlob għarkubbtejja:*
*"Madonna ta' Ġesù, Faraġ l-għajjiena,*
*Tbissima ta' qawsalla, Ġnien ta' sliema,*
*Warda tal-iġbla, u qawwa tat-tajbin.*
*Imbagħad xħin nara wiċċha, qalbi jiena*
*Inħossha ssirli nar, għax bħala liema*
*Fost kollha n-nisa, wennset il-Bnedmin?*

8.i.63

## VIRGO MARIJA

*Li kelli l-ħila ta' Messer Petrarca*
*Għall-kitba tas-sunett, kont nikteb mija,*
*Mitejn, elf w iżjed, kollha għalik Marija,*
*Tal-bniedem mitluq waħdu sejf u tarka.*
*U fihom kont inxandrek Omm il-Barka,*
*Il-Kewkba tar-Rużarju u l-Litanija,*
*Li twieldet, għexet, mietet mingħajr ħtija.*
*U qabżet għall-bnedmin mid-dnub imfarrka,*
*Għax akbar w isbaħ int minn Donna Laura,*
*U n-nisa li għannew l-poeti kbar,*
*B'versi li ġmielhom żejjen ħajr l-imħabba.*
*Għenni biex xewqti sseħħ, ngħannik il-Ġawhra,*
*Fil-mantar t'Alla li jgħattik bħal star,*
*Verġni u Omm li l-ebda dnub ma' tabba'.*

9.i.63

## HODON NARCIS LILL-POETA ĠORĠ ZAMMIT

*Ġejt inżurek, Ħabib tiegħi,*
*Fl-ewwel għodwa minn ta' Frar;*
*Ġejt narak fl-Isptar San Luqa,*
*Bħala għożża ġibtlek nwar.*
*Minn kemm ſjuri bawn fil-gżira*
*Jien għażiltlek in-narċis,*
*In-narċis li jħobb poeta,*
*Billi b'riħtu nġibu fis*
*Quddiem moħħna debriet ħelwa*
*Ta' żgħożitna... t-tnejn Qormin!*
*Għidli, sieħbi, għid is-sewwa,*
*Ma jſakkrikx dan in-narċis*
*F'Wied is-Sewda, f'Wied il-Qirda*
*Fil-Bonċ tagħna, f'Wied Ħanżir?*
*Ma jſakkrikx, min jaf, f'kemm ħarġa*
*Mort ma' sħabek ilu s-snin?*
*Ma jqajjimx fik ħeġġa ġdida*
*Biex l-inħawi żżur mill-ġdid?*
*Ma tnissilx dil-ſwieħa bnina*
*Tama kbira fil-ġejjien*
*Illi tibqa' tgħanni dejjem*
*Tan-natura l-isbaħ ġmiel?*
*Ma tħossokx żagħżugħ bħal dari*
*Trufijiet Ħal Qormi ddur;*
*Tmur għand* Zigla *qalb il-ħdura*
*U b'*Ta' Qalleb *qalbek tfur ???*
*Tfur fil-versi, fit-tpinġija*
*Tad-debriet tagħna Qormija?*

. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

*Għalbekk ġibtlek, ħabib tiegħi*
*Dan il-ħodon tan-narċis, –*
*In-narċis, xebh ta' żgħożitna, –*
*Biex fuq tiegħek narak fis!*

Sliema, 1 ta' Frar 1963 fis-6.30 a.m. — ĠUŻÈ CARDONA

# L-GHAJTA TAL-QALB – CRI DE COEUR

(*Soirée Lyrique fit-Teatru ta' l-Università,* 25/2/61)

Ta' ĠUŻÈ AQUILINA

LEHEN: Qed nisma' fil-bogħod l-ilħna tal-ġnus; qlub imdejqa, il-leħen wit-tgemgim ta' nies bla sabar. Fejn huma sejrin? Mnejn huma ġejjin, dawn l-ilħna mill-oqbra misruqa biż-żmien? Fejn intom? Min intom? Fejn intom sejrin?

ŻEWĠT ILHNA (MARA W RAĠEL): Aħna wlied id-Dawl li tlifna sehemna fil-Ġenna tal-Art. Aħna l-imkeċċijin, l-imsawwtin, l-imgħallqin, l-ixkubet-tati, aħna l-ippersegwitati...

LEHEN: Hekk imdejqin, qatt xebgħanin, fejn intom sejrin?...

L-ILHNA: Sejrin fejn uliedna marru maħrubin, mill-oħtra msawtin, fuq l-iġbla fejn ma jilħqux l-ilmijiet tal-oqsma mgħarrqin...

LEHEN: Min inti, ja mara, b'dak leħnek miksur? Min inti, ja raġel, b'dak leħnek magħdur?

IL-MARA: Jiena Eva, ommok. Mara fost in-nisa li nissilt minn ġufi n-nisa w l-irġiel tad-dinja kollha. Uliedi maqtula wil-ħajjin maħruba għax wasal il-lejl...

ADAM: Jiena, Adam, missierek, raġel li żrajt f'ġuf Ommok il-ħajjiet li ferħu u li weġġħu, il-ħajjiet li għaxu u mietu.

IL-LEHEN: F'diqa ta' qalb, waħedkom, fejn intom sejrin?

IT-TNEJN: Sejrin għand l-Għaref li għandu l-kelma tas-Sewwa; sejrin nitol-buh igħidilna kif nistgħu neħilsu 'l Uliedna mill-qerda mbeżżgħin...

EVA: Qalb ta' Omm ma tiflaħx iġġarrab niket akbar meta tara x'kellu jgħad-di minn uliedha id-dmugħ wid-demm, il-moħqrija wir-regħba... in-nirien u l-irmied, l-iġsma maħruqa, l-intejjen, l-infern.

IT-TNEJN: Aħna s-Siġra li minn żerriegħtha ħarġu l-miljuni ta' siġar li mlew wiċċ id-dinja kullimkien. Iż-Żerriegħa tal-Hajja taħraq ġo fina...

IL-LEHEN: Imsejknin omm u missier, imdejqin, fejn intom sejrin?

IŻ-ŻEWĠT ILHNA: Sejrin fejn uliedna mweġġħin nitolbuhom jaħfrulna ħti-

jiet tad-Demm; sejrin għand l-Għaref li jgħallimna t-triq li tieħu għad-Dwejra ħanina tal-irqad bla ħolm...

**Kor**: Erġgħu lura, ja msejknejn, egħjun ta' ilma nixfin, intom żrajtu fid-dinja ż-żerriegħa tas-siġra maħsusa.

**It-Tnejn**: Imma aħna rridu niltaqgħu mal-Għaref li jaf it-triq tal-Fidwa u għandu s-setgħa jħassar il-ħtija li marrditilna 'l uliedna u ma ħallitil-niex sabar fil-qabar bla isem fejn difnu 'l Kajjin...

**L-Ewwel Kor**: Ejjew mela għand l-Għaref Zaratustra... Dak għallimkom kif mill-bniedem dgħajjef li jibża' u jitbekka toħorġu bniedem ikbar li jiflaħ għad-dinja. Isimgħu lill-Għaref tal-Persja li ħataf dijjietu minn dijjiet ix-xemx u għallem 'l uliedkom jinżgħu b'ridiethom il-Bniedem iż-żgħir u jilbsu minn floku l-Bniedem il-Kbir: l-Obermann...

**It-Tnejn**: Għaref tal-Persja, x'dija sraqt mis-sema li tista' ddawwlilna l-qiegħ ta' ruħna mgerrma mis-susa tad-Dnub?

**Zaratustra**: Taħt it-toqol ta' ħtijietkom sirtu żgħar daqs kobba tal-ħajt li ferħ ta' qattus jixxiegħel biha ħdejn il-maġmar fil-ġranet tax-xitwa. Intom turija tal-Bniedem bla ħila li ma għarafx jaħdem par ġwienaħ u bihom jitla' 'l fuq fejn is-sħab iduru madwar irjus l-iġbla u l-allat. Isimgħu minni u tkunu allat...

**Eva**: Dan il-leħen mhux ġdid. Ja Zaratustra, int forsi s-serp li ittradieni?

**Adam**: Int ix-Xitan li nkieni?

**Zaratustra**: Jiena l-profeta tan-Nar. Ngħallimkom tkunu qawwija u bla ħniena jekk tridu tirbħu l-biża' ġo qalbkom. Xi switilkom l-irtubija tal-indiema? Kontu ċkejknin u bqajtu—Jiena ngħallimkom il-Bniedem Kbir, dak li l-ponn tiegħu huwa iebes daqs il-ħadid u kull fejn jolqot ifarrak; li għarqubu jitħan it-trab li jirfes fuqu... Jiena ngħallimkom il-mibegħ-da ta' min ħaqarkom. Tgħallimtu toboghdu lil min għamlilkom id-deni? Tgħallimtu tiġġieldu?

**Adam**: Tgħallimt nintlewa taħt l-għodda tqila tax-xogħol biex nisraq lill-art l-għejxien ta' kuljum.

**Eva**: Tgħallimt inradda 'l uliedi fid-dmugħ ta' demm ħalibi morr u mar-radi; tgħallimt nixher fuq il-kadavri ta' wliedi maqtula minn ħuthom...

**Zaratustra**: Kemm intom dgħajfin! Xi tridu minn għandi? Jiena għandi l-għerf li jagħlaq il-qalb għall-ħniena wil-biża'. Dawk li u la jhennu w lanqas jibżgħu jikbru minn ġo fihom nfushom bħas-siġar li jikbru minn

daqsxejn ta' żerriegħa... Jekk timxu warajja, intom issiru siġar kbar u tnisslu minnkom siġar akbar...

EVA: Għandi qalbi vojta, mejta baħħ, għandek biex timliħieli?

ZARATUSTRA: Nimliħielek bil-ebusija wil-mibegħda ta' min ħaqrek. Fil-mibegħda l-bniedem jikber... jisboq lilu nnifsu u lill-bhejjem. Isir il-ġgant tal-ħolqien... il-Qawwi u l-Għaref tassew.

ADAM: Għandi ruħi mingħajr egħruq għax baqgħet minsuba bejn l-infern wil-ġenna fid-dlam bla Wens. Għandek torċa li ddawwalli triqti?

ZARATUSTRA: Il-ħruxija misnuna fil-mibegħda tqawwi u tkabbar id-dgħajjef u tagħmel qalbieni lill-beżżiegħi... Kunu suldati... ilbsu uniformi tal-Gwerra!

IT-TNEJN: Terraqna miljuni ta' snin mad-dawra ta' l-art u ma rajniex ħlief gwerer; 'l uliedna jaħarqu l-art li tgħajjixhom, iġarrfu l-ibliet li tellgħu b'dirgħajhom. It-tfal tagħna qatlu lil xulxin u ħaffru għal uliedhom qabar misħut. Fil-qabar ma sibniex sabar. Bi ħtijietna tgħawwiġna.

ZARATUSTRA: Jiena ngħidilkom li l-Gwerra tħarrax u tagħmel qalbieni...

EVA: Int mela l-assassin ta' wliedna? Int li mill-bniedem dgħajjef toħroġ il-bniedem qalbieni? Int dak li tilbes żarbun bil-pett ta' l-azzar biex mnejn tgħaddi tħabbat u tħaffer?... Int l-assassin ta' uliedna!... Il-ħâres ta' Belsen u Hiroxima!

ADAM: Int, Zaratustra, mela li ħraqt it-tfal tagħna fil-ifran, li qaxxarthom ħajjin u bil-ġilda tagħhom għamilt qigħan iż-żraben tas-suldati tiegħek.

ZARATUSTRA: Intom żgħar kontu u żgħar bqajtu ulied it-trab. Uliedi xorbu id-dawl tal-kwiekeb u s-seħar tal-Kobor u l-Għerf bidilhom. Morru minn quddiem għajnejja! Biex jitnissel il-Kbir jeħtieġ li intom tgħibu mid-dinja. Gwerra kbira teqred iż-żerriegħa tagħkom u tnaddaf id-dinja għal ġens ġdid tan-nies Kbar u Qawwija...

IL-KOR: Gwerra!... Gwerra! hejju t-triq għall-Għaref u l-Qawwi.

ZARATUSTRA: Isimgħu leħen is-suldati tiegħi... u twerwru minnhom, għax dawn iridu jeqirdu ż-żerriegħa tagħkom u flokha jiżirgħu ż-żerriegħa tas-Siġar il-kbar li bi frigħethom jorbtu d-dinja max-xemx u b'dawlhom jnixxfu ż-żerriegħa ta' nisilhom misħut!

KOR: Aħna wlied Zaratustra nfaħħru 'l gwerra għax din issonn l-għodda msadda u tqajjem dak kollu li jkun rieqed ġo fina – il-qlubija wil-ħeġġa

reqdin jinbidlu fi xwabel tan-nar... Isimgħu l-għerf ta' l-Imgħallem.

ZARATUSTRA: Aħna ma rridux li l-eħrex għadu tagħna jkollu ħniena minna; u lanqas ma rridu li jħennu għalina dawk li aħna nħobbu l-aktar. Halliħom igħidulkom is-sewwa! Ja ħuti gwerriera. Jiena nħobbkom minn qalbi kollha. Jiena għadni, u kont minn dejjem, bħalkom. Imbarra dan, jiena l-eqqel għadu tagħkom. Mela ħalluni ngħidilkom is-Sewwa! Jiena naf l-għira wil-mibegħda li hemm f'qalbkom. Kunu mela kbar biżżejjed biex ma tistħux minnhom! U jekk ma tistgħux tkunu l-qaddisin tal-Għerf, għall-inqas kunu l-gwerriera tiegħu. Qed nara aktar gwerrieri. Nixtieq narakom bħal dawn, għajnejkom igħarrxu għall-għadu tagħkom...

ADAM U EVA: Hekk għamel it-tifel tagħna Kajjin... Imma jaħasra Abel ma kienx għadu tiegħu...

LEĦEN: Jisktu l-ilħna tad-dgħajfin ħalli jinstama' tagħlim il-Qawwi, id-dawl tal-Għerf ġdid, Zaratustra...

ZARATUSTRA: Intom ikollkom tfittxu l-għadu tagħkom, u taħbtu għalih fil-gwerra. Il-paċi tħobbuha biss bħala mezz ta' gwerer oħra; u aktar ma tkun qasira l-paċi aħjar...

IT-TNEJN (ADAM U EVA): Assassin, sikket leħnek xewwiexi... agħtina 'l uliedna, dawk li sawwatt, dawk li int dfint u ħraqt ħajjin, dawk li int qtilt bil-ġuħ u l-għatx, dawk li int werwirt u ġennint, dawk li inti ħassart, l-iltiema u r-romol, it-trabi u n-nisa li qtilt...

ADAM: Għaraft il-Leħen wit-tnassisa... Konna waħedna meta smajnieh dan il-leħen tal-Qerq... Tiftakru?

EVA: Niftakar il-leħen wiż-żegħila wil-bewsa tas-semm max-xufftejn... is-Serp jitkaxkar fuq żaqqu jew jimxi fuq saqajh.

LEĦEN: Jisktu l-ilħna tad-dgħajfin biex jarġa' jinstama' l-leħen tal-Qawwi.

IT-TNEJN: Halli jinstama' 'l leħen tagħna u jiskot il-leħen tas-Serp Filosofu qawwi. Fl-isem l-ommijiet u l-misserijiet tad-dinja kollha tal-bieraħ, tal-lum u ta' għada, agħtina lura 'l uliedna bla qabar... raġġa' n-nifs fil-kadavri tagħhom kiesħa... ħarrek l-idejn u l-isdra weqfin... iftaħ l-għajnejn u l-kelma tal-ħalq magħluq.

MUŻIKA..........

EVA: L-ommijiet jibku l-ulied. Leħenhom ħiereġ minn ġufi, ġuf l-ommijiet kollha jitħarrek ġo fija u jien ma għandix sabar...

ADAM: Il-ħtija ta' Dnubna taqtagħlna nifisna.

IT-TNEJN: Min ser jaħfrilna?

LEHEN: Jiena huwa Dawl ta' dejjem. Jiena huwa t-Triq. Ixegħlu t-Torċa mid-Dawl Tiegħi, u ssibuha t-Triq li ilkom tfittxu.

IT-TNEJN: Min sa jaħfrilna?

LEHEN: Dak li ħafer lill-Madalena u lill-miljuni ta' mniġġsin... dak li ħafer lill-assasini Tiegħu... dak li waġġa' ħafna u jaf x'jiġifieri dwejjaqu uġigħ.

IT-TNEJN: Min Inti?

LEHEN MISTIKU: Min tgħidu li Jiena?

IT-TNEJN: Leħnek niftakruh... Int Ġesù ta' Nażaret. Int l-Iben ta' Alla...

LEHEN: Jiena hu... Min jemmen bija ma jmutx... iqum miegħi...

IT-TNEJN: Int huwa l-Għaref li qed infittxu. Għallimna, Mulej, kif neħilsu 'l uliedna minn niket wid-dwejjaq li wirtu minn għandna? Aħfrilna, Mulej...

LEHEN: Dnubietkom maħfurin... la tibżgħux... la tiddubitawx...

IT-TNEJN: Agħtina l-mistrieħ fil-qabar ta' ħtijietna u 'l għerfek qaddis għal uliedna...

IL-LEHEN MISTIKU: Ikunu wliedkom mhux biss suldati imma wkoll gwerriera... Il-gwerra tal-Iben ta' Alla hija kontra d-dlamijiet... u fuqkom inxerred il-paċi tal-oqbra minsija, fuq uliedkom il-faraġ tal-ħtija maħfura u tal-imħabba bla tarf.

LEHEN IEHOR: Jisktu l-ilħna tal-bniedem ħalli jinstama' minn qiegħ iż-żmien bla żmien il-leħen farraġi tal-Imqawwem mill-Imwiet fis-Sebħ ta' Missieru, Bin Alla ħaj. Tqaddsu fil-għerf tal-faraġ tiegħu. Tgħaxxqu bl-imħabba ta' qalbu, u fi qdusitu stagħnew u thennew. Għal dawk kollha li ġarrbu diqa' u moħqrija ħalli kliem il-faraġ idewwilhom il-ġerħa taddemm...

[*Mużika*]

Imberkin dawk li huma foqra f'qalbhom, għax għalihom hi s-saltna tassmewwiet.
Imberkin l-imnikktin, għax jitfarrġu.
Imberkin il-ġwejdin, għax jiksbu l-art.

Imberkin dawk li għandhom il-ġuħ u l-għatx tas-sewwa, għax ikunu mxebbgħin.
Imberkin dawk li jħennu, għax ikollhom min iħenn għalihom.
Imberkin dawk li qalbhom safja, għax huma jaraw 'l Alla.
Imberkin dawk li jagħmlu s-sliem, għax jissemmew ulied Alla.
Imberkin dawk li jagħmlu għalihom minħabba s-sewwa, għax għalihom hi s-saltna tas-smewwiet.
Imberkin intom meta jgħajjrukom u jagħmlu għalikom u jgħidu minn kull deni fuqkom bil-gideb minħabba fija.
Ifirħu u thennew, għax ħlaskom kbir fis-smewwiet; hekk ukoll huma għamlu għall-profeti ta' qabilkom.

KOR: Ma hemm ħadd akbar minn Ġesù ta' Nażaret – Huwa l-Obermann, huwa l-aqwa, l-aktar wieħed f'saħħtu. Huwa asħaħ minn Atlante għax huwa jġorr fuq spallejh l-Univers kollu – Taħt għarqbejh jitkebbu d-dinja wis-smewwiet u tron ta' qawwa fil-lemin ta' Missieru; u jifirxulu twapet li fihom jidhru bħal imsiebaħ tad-deheb il-kwiekeb wil-pjaneti. Huwa l-Aqwa Raġel u l-Aqwa Alla... Ikun Imbierek mela, l-Isem tiegħu qaddis mis-sema sa l-art u mill-art sas-sema. Ikun imbierek fil-ħin ta' rqad u mbierek ukoll fil-ħin tal-qajmien; ikun imbierek fiż-żmien u barra miż-żmien, imbierek fl-eternità għala dejjem; ikun imbierek fih innifsu, f'Missieru li ħabbu u fl-Ispirtu Santu li għarfu u qaddsu.

ADAM: [*Waħdu*] Mulej iddrittali dahri mgħawweġ bix-xogħol ta' miljuni ta' snin wiċċ-imb-wiċċ mal-ħamrija u mal-bhejjem selvaġġi u wittili l-mogħdija madwar l-iġbla u l-widien...

EVA: Mulej, agħti lili u lil Adam il-mistrieħ tal-qalb li tlifna darba u qatt ma sibna iżjed... Ismagħna Mulej!

ADAM U EVA: Ġesù ta' Nażaret li toħroġ 'il barra miż-żmien għax int l-eternità, minn dejjem sa dejjem, agħtina lura 'l uliedna miġwieħa, maqfula fil-ħabs ta' Kajjin. Uliedna mċaħħdin, uliedna misruqin, uliedna mregħxin, uliedna mitlufin.

IL-KOR: Agħti, kbir Alla, il-mistrieħ tal-qalb wil-moħħ lil ommna Eva u lil missierna Adam... Aħna wliedhom li nġorru fuq ġisimna l-wirt ta' ħtijiethom, ħfirnielhom u ħabbejniehom... Żewġ martri tal-Qerq.

ADAM U EVA: Agħtina d-dawl li jikxef il-qerq mistur fit-tbissima ta' Zaratustra... taħt saqajna ngħaffġu tagħlim għerfu qarrieq, intajruh marrjieħ... Mulej, ismagħna...

ADAM: Mulej, isma' talbi wit-talb ta' wliedi... Agħtina l-mistrieħ tal-

moħħ wil-qalb...

**Eva:** Agħti lil uliedna wkoll il-mistrieħ tal-qalb wil-moħħ. Hallina narawhom miġbura lkoll flimkien ħajjin Abel u Kajjin madwar mejda waħda, jifirħu b'xulxin u b'ulied xulxin u bin-nisa tagħhom. Mulejja, fejjaq 'l uliedi...

**Adam u Eva:** Nafu aħna li ittradejna lilek u lilhom, uliedna sallbuk! Aħfrilna, O Ġesu, u aħfer il-ġnus tad-dinja, il-ġnus maħqura, mgħobbija bi ħtijietna, f'ġieħ dik il-Mara nisel laħamna imma meħlusa mit-tebgħa ta' ħtijietna, Marija ta' Nażaret...

**Il-Leħen Mistiku:** [*Jinstama' waqt li s-saparju jingħalaq ftit ftit*] "Jiena d-dawl tad-dinja... Jiena t-Triq, is-Sewwa u l-Hajja"... "Jiena l-ħobż tal-Hajja. Dak li jiġi għandi ma jeħdux ġuh, u dak li jemmen fija ma jeħdux għatx... Dak li jiġi għandi ma nibgħatux 'il barra. Hija r-rieda ta' Missieri li minn dak kollu li tani jiena ma nitlef xejn imma narġa' nqajjmu mill-imwiet fl-aħħar tad-dinja... Kull min jara l-Iben u jemmen fih ikollu l-ħajja ta' dejjem."

**Kor:** Alleluja! Alleluja!

## DWAR IL-KELMA 'ĠIEĦ'

Din il-kelma tingħad ħafna u biha nifhmu dak li b'kelma ta' nisel Taljan ngħidulu *unur*. Imma naħseb li ftit huma dawk li jafu illi l-kelma *ġieħ* hija sura oħra tal-kelma *wiċċ* li l-għeruq tagħha fil-Għarbi huma W.Ġ.H. mnejn joħroġ il-verb Malti *weġġaħ* = ta qima. Ir-raba' kmandament igħid *weġġaħ 'il missierek u 'l ommok.*

Mela l-kelma *ġieħ* sewwa sew tfisser *wiċċ*. Is-Sultan qatt ma tagħtih dahrek; biex toħroġ il barra timxi lura *wiċċek* lejh, u hekk inti tkun qed *tweġġħu*. Bil-Malti ngħidu *f'ġieħ Alla*, bil-Għarbi jingħad *għala waġh Allah* jiġifieri *għal wiċċ Alla;* Taljan, per l'amore di Dio; Ingliż, For the love of God; Franċiż, Pour l'amour de Dieu.

Ġ. AQUILINA

# ŻIEDA TA' KLIEM U TIFSIR

Ta' V. MIFSUD BONNICI

(*miġjub minn* Ġ. CASSAR PULLICINO)

(Jaqbad ma' *Leħen il-Malti,* Għadd 287-289)

## M

MAĊĊA – maċċ żgħir, jew bosk żgħir. "Hemm tursin il-ħlejjiet; hemm maċċa".

MADAXXUN – Kull żewġ versi kotnina tat-tinda tad-dgħajsa.

MADRAB – "Għandna madrab ta' xatba jrid jinħatt u jinbena; il-widna tiegħu nqalgħet".

MAFRAD – Platt kbir qisu mgħajgna għax bħal dak li qallu jifred minn xulxin 'il dawk li bil-qiegħda qawqbiet ikunu mdawwrin miegħu biex jieklu.

MAFRAT – Lenbija tal-fuħħar li n-nies jieklu minnha t-tisjir.

MAĠENDA – Lewn bejn l-aħmar u l-vjola.

MAĠMAR NAR – Huġġieġa kbira.

MAHKUK (isem) – Ġobon maħkuk biex iroxxuh fuq il-għaġin imgħolli.

MAHKUKA – Maħduma żżejjed minn sena għal oħra; il-maqlub ta' mserrħa.

MAHLA – Dik ix-xkora li jdendlu f'għonq iż-żwiemel, bgħula, ħmir biex jieklu minnha.

MAKSAR – Dik il-ġebla li meta l-medda jew kanal tat-tisqija tkun miexja jew ikun miexi bl-ilma tiksirulu biha biex tgħaddih għal band'oħra; *something to dam up water with, breakwater.* "Neħħu dawk il-maksri"; "Is-sieqja jagħmlulha l-imkasar bi gzuz tat-trab imwaqqaf".

MAKTUR – *nofs maktur*, magħmul tirjanglu jew bi tliet minkba jew rokon.

MALLAT, IMALLAT – Ċerċer, iċerċer; qatta', iqatta'. "Żamm iċ-ċarċir u t-taqtigħ fuqu u t-tħammiġ", "dejjem immallat u mqatta"; iżid il-ħażin mat-tajjeb "dejjem imallat u jħallat".

MALLUTA (misem) – Imċewlħa, bħal imġebbda jew imġannta minn hawn u minn hinn fil-lbies, imqattgħa, imċerċra. "Donnok malluta" (isem) biċċa ma tiswiex, ċewlieħa. "Tiekol tħobb, tiġbor l-imlalet ma tħobbx".

MAMBAR (minn ħlief MANBAR) – Il-ġemgħa tan-nies li tkun tisma' min jipprietka; ħafna nies miġmugħa flimkien. "Inġabru mambar nies" (folla); "mambar bhejjem fil-għalqa" (qatgħa kbira); Iktar fil-wisa' jgħidu "mambar nar" flok "maġmar nar", jiġifieri ħuġġieġa kbira.

MANGARIJA – Temp meħud u ma jagħmilx. "Mangarija tal-ħajbur".

MAGHDUB – Inkurlat, miġġieled. "Magħdub mal-mara".

MAGHLEF – Xkora għalf, kemm wieħed jagħlef f'darba aktarx il-bhejjem. "Magħlef żara", silla, zkuk tal-pastard, pal tal-bajtar u x'naf jien.

MAGHLEF GHALIH – Li ma jħobbx jagħmilha ma' nies; *unsociable.*

MAGHLEF TAL-AHDAR – Kull għalf li jagħtu lill-bhejjem malli jaqtgħuh, tari, mhux niexef. Il-ħaxix hu magħlef aħdar. Is-silla tista tkun tal-aħdar u tan-niexef.

MAGHSEL TAS-SILLA – Iz-zokk tas-silla, iz-zokk tal-warda. Il-magħsel meta jkun għadu tari jekluh in-nies tar-raħal Għawdxin; imorru għalih it-tfal qtajja' qtajja', minn daqqiet il-kbar ukoll. "Bl-ilma f'waqtu u kemm imiss kull magħsel taż-żara' jfaqqas l-ifriegħ".

MAQBAD – Ma' iex tqabbad idejk; bħal ħofra żgħira jew għafsa mal-ħajt biex tqabbad idejk magħha fejn hemm għolja xifer tal-blat, biex titla'.

MAQBAR – Fil-wisa', "għata tal-friex, musulew".

MAQGHAD TAL-ILMA – Lok baxx fejn iħobb joqgħod l-ilma. "Il-Maqgħad (tal-ilma) tal-Marsa".

MAQTUX – Ħażin, "Maqtux li hu!", gustuż.

MAR MA' (imur ma') – Għamel, jagħmel minn. "Il-baħar imur mal-qamar". *Mar man-nies,* daħal man-nies, mar jaħdem mal-barranin bil-flus. "Jekk ix-xlief ma jlaħħaqx 'l uliedek ikollok iddaħħalhom man-nies".

MARBAT – Toqba ġol-blata minfuda minn naħa għal oħra ma' xhiex torbot il-bhejjem.

MARĠ – Raba' mhux maħdum, żdingat u mhux imfittex għax qiegħed f'ġenb ħażin, imħolli aktarx għaż-żwiemel, ħmir u baqar biex jirgħu fih, il-biċċa l-kbira mnejn igħaddi ż-żiemel l-abjad, jiġifieri ħdejn il-widien, u fih in-nixa tal-ilma. Imkien baxx mnejn igħaddi l-ilma ta' wied imħolli mergħa għall-bhejjem. "Għerqet marġ".

MARĠA – Xi mkien tafli b'nixxiegħa minn taħt l-art li jinbet is-simar fih; fejn jiltaqgħu daqs tlieta jew erba' nixxigħat.

MARMAR, IMARMAR – Tbażża', jitbażża', bħal min, ngħidu aħna, titolbu xi ħaġa u ma ttihx qalb jagħtihielek, imarmar.

MARŻEBBA – Omm iż-żronġ.

MATALLUN – Tinstama' fil-għidut "twil donnu matallun".

MATMURA – Hofra fit-tiben li l-bdiewa jimlewha bil-qamħ; ikel (proviżjon).

MATRENDI – Ċajt ta' min dak ma jinżillu u l-ieħor ma jogħġbu; *esigenze di chi è delicato nei suoi gusti; fastidiousness.* "Għandu ħafna matrendi".

MATTAR, IMATTAR – Għamel, jagħmel l-imtajjar. "Għandi dik l-għalqa mejta għaż-żrigħ; ser nara mmurx immattarha". [Għal żiemel] jiftaħ riġlejh wiesa' fil-mixi, "Dak iż-żiemel imattar iżżejjed".

MATTRU – Dik il-biċċa tan-newl li biha jistiraw jew imattru l-pezez jew bċieċ tal-insiġ.

MAZKALA jew MAZKANA – Ġebla kbira ħdejn il-laqx, u żgħira ħdejn tirxa u ħdejn xulliela wkoll, il-mażkana kif taħsel tinqata', mhix maħduma. Tiswa bħal feles biex jimmastizzaw biha. "Il-mażkan jiswa għat-tiswija tat-toroq meta jkunu qegħdin jerfgħu għali".

MBAHBAH – diradato. *Hobż imbaħbaħ,* minfux.

MBARQAM – Kollu borqom, li ma jinfdu xejn. "L-ajru mbarqam", mimli, mitbuq bi sħab oħxon; mela li ma tinfdux.

MBASTA – Linja meħjuta u maħruġa 'l barra għaddejja rieqda mill-wisa' tad-dawra ta' dublett jew komma minnhom fihom maqluba 'l isfel bħala żina jew taqsira; refċa, Taljan *piego;* Ingliż *tuck*; "Qis l-imbasta". Fil-ktir *bsati* jew *imbasti.*

MBERBEX – Mħallat jew imnaqqax b'ħafna lwieni. "Drapp imberbex".

MĊAMPAR – *Untidy.*

MDAGHBEN – Li jsiru fih id-dgħaben. "Riħ imdagħben" mitluf, daqqa jonfoħ 'l hawn u oħra 'l hinn.

MDAHDAH – Maħsus. "Jekk mhux marid, mhux imdaħdaħ?"

MDANA SIĠAR – *A row of trees;* mdana taraġ, *a flight of stairs.*

MDAQQ – Tiben tax-xgħir midquq jew żara' niexef imfarfar mill-isbul. "Igħin ruħu b'dak l-imdaqq" il-bidwi mill-Mosta 'l isfel; mill-Mosta 'l fuq ma jkollhomx imdaqq u rbat, ikollhom il-ħalfa.

MDEBBER – Maqbud, tal-kelma, marbut.

MDEWWAH – Stordut, b'uġigħ ta' ras.

MEĊĊEĊ, IMEĊĊEĊ – (Minn bidel *miċċeċ,* minn *miċċa*) bil-miċċa mtellgħa, għalhekk bil-lsien tan-nar jogħla (għall-lampa), għalhekk turi

ħafna. "Xi tmeċċeċ!". Iżjed fil-wisa' jżebbeġ: "Daqs nemes imeċċeċ għajnejh".

MEDDA, MEDED – Kanal, Kanali (katusi mimduda) ta' ġebel biex isaqqu l-ilma bihom – *stone channels for the conveyance of water for irrigation.* Medda ħajt – tul ta' ħitan baxxi. Medda tfisser ukoll il-biċċa lasta ta' xatba li tiġi msallba kontra d-dwali. Il-meded ta' sodda huma l-ħadidiet tal-ġnub sejrin mimduda għat-tul.

MEHID – Dak li wieħed jieħu – uċuħ, ġabra tar-raba', għetien tal-art, imħida.

MEHUL – (Il-Magħmul ta' *weħel*). "Sabu xini meħul mal-blat tal-baħar".

MELLAQ, IMELLAQ – Faħħar, ifaħħar biex jingħoġob għall-ħsieb ta' moħħu; mela moħħ dak li jkun b'żegħil qarrieqi; fewwaħ, ifewwaħ lil għajru biex jaqlagħlu għajnu u jieħu xi ħaġa minnu; melles lil xi ħadd bi kliem qarrieq biex jiġi f'tiegħu.

MELQGHAT TAL-ILMA – Skontri jew bħal kanali mfannda u għoli ta' trab imwaqqaf u mballat biex jilqgħu l-ilma tax-xita u jsuquh aktarx għal ġol-egħlieqi.

MENDAQ – Biċċa raba' żgħira aktarx qalb il-blat. "Ha l-imrieħel tannagħaġ qalb l-imniedaq; *Mendqa* – gonta raba' (Pl. *mniedqa*) "Għandi mendqa raba' (ntejfa, daqsxejn)".

MENZA – Ir-rfigħ jew l-armar, ħa(bel?) u stanga.

MERZUQ – Dija ħierġa, splingun; *l-imrieżaq tax-xemx*, titjir ta' ħwejjeġ maħlula u magħquda flimkien. "Il-Munġbell jitfewwaq imrieżaq tannar"; l-ilma mtajjar jew ħiereġ bis-salt minn żennuna miżieb u x'naf jien; "dawk il-għejjun li jarmu l-imrieżaq tal-ilma donnhom fidda".

MEXA L-HSARA – Sarraf u ra min jifhem xi ħsara hemm; "ġejna fil-Qorti u min mexa l-ħsara tala' jixhed".

MFEĊLAQ – Mhux sewwa, mhux sod, maħdum kif ġie ġie, bla kont, addoċċ. "Tinseġ imfeċlaq", "ma nħobbx ħaġa mfeċilqa".

MFERKEX – Mitluf, mherwel. "Sa tliet jiem il-qamar ġdid ikun għadu mferkex".

MFEXFEX – Mitlugħ u kollu toqob (il-ħobż); "Alla jbierek dal-ħobż kemm hu mfexfex"; *ħobż imfexfex* "sponge bread".

MĠELLED (għas-siġar) – Mimli għoqod.

MGELGLA – Jew bil-friefet. Igħiduha għal mogħża marida bl-ilma trabbi l-friefet fil-fwied li dawn mita tiftagħha joħorġu jtiru. Il-mogħża ħajja tingħaraf b'dil-marda għax il-ħjut tad-demm ta' għajnejha jibdew jint-

few. Imutu malli tintefa l-aħħar ħajta.

MGERREX (għar-raba') – Mhux mitbuq, jiġifieri baqa' bit-tub u t-trab, ma ġiex maħlul bit-trab.

MGHALLMIJA – L-istqarrija, ħal jew professjoni ta' min hu mgħallem; "Bl-imgħallmija tiegħu kollha ma beniex tajjeb" *l-imgħallmija pulita,* i.e. is-snajja' s-sbieħ, jiġifieri t-tpinġija jew il-pittura, l-inqix irqiq jew l-iskoltura, il-bini kif is-sengħa jew l-arkitettura, ħlewwiet it-taqbil tal-ilħna jew il-mużika. "Int x'jidhirlek li int billi tikkonza l-ġlud? Dik mhix imgħallmija pulita, la ma għandekx ħila tagħmel inkwatru!"

MGHAMMED – Li fil-għamad; "l-ajru mgħammed (bl-għamad tas-sħab)".

MGHASRA – Fejn jew fiex wieħed jagħsar inbid, żejt, tadam u x'naf jien.

MHALLA – Armata, riġmenti, tajfa ġelledija.

*Rajna l-Imħalla Torka*
*Għaddiet minn taħt ir-riħ;*
*Dalwaqt issir in-nafra*
*'Il niesna biex issieħ.*

MHAXLEF – Kif ġie ġie, u ħażin. "Titħaddet imħaxlef".

MHAWWAH – fieragħ, vojt minn ġewwa, u minn barra ma jidherx. "Hajt im-ħawwaħ itaptap".

MHEJJEM – Imżiegħel, imfissed; fil-wisa' tittieħed flok imkabbar, bħal meta ngħidu "mhejjem bil-mustaċċi".

MIDHAL – Port, bajja, "Il-midħal ta' San Pawl". *Midħla tad-dar,* ħabib tad-djar; *midħal il-ktieb,* kelmtejn li jdaħħlu l-qarrej qabel jibda l-ktieb.

MIDLIEL – Bix-xagħar nieżel 'l isfel, twil. *Mogħża midliela,* li għandha sufha twil donnu dliel; "kemm hi midliela dik il-mogħża!"; *xortih mid-liela,* i.e. ħażina.

MIĠBED – Travu jew għuda kbira tawwalija magħmula aktarx mgħawġa li magħha jorbtu l-bhima biex tiġbed. Biċċa tal-*milja.*

MIĠBHA – Imkien jew lok fejn iqiegħdu ħafna ġarar tan-naħal. Igħidu għal min jiekol ħafna "jiekol miġbħa".

MIĠRA – Hodon ilma għaddej jiġri, nixxiegħa. "Dari *fih* ilma l-Imtaħleb, iżda l-Gvern ha l-miġra l-kbira".

MIGRIŻA – Sikwit tigreż, ma jħosshiex fiha.

MILGHAQA – Kuċċarina.

MILJA – Sienja la Torka li jimlew l-ilma biha biex isaqqu r-raba'. Bil-

milja, kull barmil li timla il-bagħal treġġgħu lura.

MILL – Taħsir abjad li jmiss l-uċuh li jnixxilhom u jnixxfilhom weraqhom. "Dis-sena l-bħajra ma rnexxietx għax messha bħal mill u spiċċat fix-xejn". Il-mill jiġi mill-ajru u għad ma nsabetx duwa għalih. "Il-qoton jimtess bil-mell". Il-mill jew mell huwa l-agħar mess; il-għerq filli safi filli jiswied; taħt il-għerq jixxarrab u l-frott jekk ikun fih imur lura.

MILUDA – Li wildet, li għadha kemm wildet.

MIMMI – L-ikħal ta' għajnejk.

MINFES – Tfisser ukoll rewwieħa, ventilatur.

MINFUD – Bżonn il-flus.

MINŻEL – Miex tinżel. Bħal taraġ magħmul fil-blat, fejn il-plajja hija għalja, biex jinżlu s-sajjieda miegħu sal-baħar, u mita jkun magħmul rampa bil-meded tal-għuda jiġbdu d-dgħajjes għar-rdoss fih.

MISREK – Kannol irqiq. "Il-Fieres talab misrek ilma", "magħluba donnha misrek".

MISTRIEH – Siġġu.

MITBUQ (għar-raba') – Maħdum sewwa bit-trab maħlul. "Meta nkunu naħartu t-tira biex dawk l-erba' żergħat nitfgħuhom fejn hu mitbuq".

MITHNA – *Mitħna tar-riħ, Mitħna tal-miexi* jdawwarha bagħal u tkun ta' 24 xiber tond.

MITILGHA – Hmira.

MITLAQ – Daqsxejn għodda tas-sajd li jkun fiha s-sufra, ix-xagħar, il-ħarir, iċ-ċomb, is-sniener. "Il-mitlaq jinsieh xlief tax-xagħar, jaqbdu bih sargi u kaħli".

MIXRAQ – Mnejn tixref ix-xemx fil-għodu; mnejn tidher titla' x-xemx; il-Lvant.

MIXTA – Bħal għar kbir fejn hemm ġebel għali, maħluq minn Alla. "Hemm mixta l-Imġarr, hemm oħra Wied ir-Riħan, hemm oħra x-Xagħra jgħidulha Għar Kalipso, oħra n-naħa tax-Xlendi. Il-mixta tar-Ramla jagħmlu fiha erba' mitt ħemel broxka fiha. Il-mixta tax-Xlendi jduru erba' mtieħen ġo fiha". Tfisser ukoll għar fejn jaħżnu x-xewk u l-ħatab taż-żabra.

*Marzu marzellu*
*Haraq il-mixta u r-rixtellu.*

MIŻIEB – Biċċa tal-mitħna tal-kaħwa. Ikun taħt id-*delu*, qisu l-qiegħ tiegħu, li minnu jaqa' l-kaħwa mbaskat.

MKAFKAF – Milbut fih innifsu bħalkieku għadmu miġbuda bħal qodbien ta' qoffa; "imkafkaf bil-bard".

MKIF – L-imsiba ta' kif għandek tagħmel ħaġa; il-għodda li tmexxik jew twasslek għall-ħsieb ta' moħħok; it-triq teħdok fejn trid; mezz, bit-taljan *mezzo*, bl-Ingliż *means*. "Inrażżnu l-ġibdiet ħżiena ta' qalbna; b'dan l-imkif wieħed isib il-hena f'qalbu"; "meta jtuh bosta żara' l-qamħ jinbet imkiffen (ġewwa xulxin wisq), imbagħad jibqa' rqieq ma jikbirx".

MLEFF – Biċċa tas-suf maħduma bix-xniexel fiex wieħed jilteff; xall.

*Wiċċ ta' Lbudija sbejjaħ*
*Imgeżwar ġol-imleff,*
*Langasa minn tal-anġli,*
*Perlina li tinseff.*

MLIES – Sar mieles, inħefa, ittiekel, illaxka. "It-tapp tal-flixkun imlies".

MNAFFAT – Mimli nfafat.

MNAHHAL (miseru) – (għall-ġebel) – Li tajjeb għall-ġir jew ġibs (imma ma tkunx bajda bajda bħall-ġibs). "Blata mnaħħla tħalliha għall-arja ssir tal-qawwi".

MOGHTIJA – Dak li meta tieklu jtuqek jew iwitik, dak li jsaħħek minn ġewwa u jinbidel f'demm; nutrizione, *nourishment*. "L-għasel tal-Aħrax l-iktar li fih mogħtija għax tas-sagħtar".

MOHRAR – "Ir-raba' moħrar iżomm ruħu xott bħax-xaħx; fih ix-xogħol jiswa qabel". Hekk jissejjaħ dak ir-raba' li taħt ikollu l-blat imfarrak, ikun radam. "Ir-raba' moħrar ħażin, ma jiswa xejn"; "ir-raba' moħrar iħobb jagħmel ix-xufxief".

MOQRAS – Inbid; *detto per vino come bevanda atta a divenire acida; A name applied sometimes to the wine as a beverage apt to turn sour.*

MOXX – Għoddu niexef, nofs niexef. "Ġbejniet moxxi", "biċċa għuda mox-xa"; "iż-żara' ġie waqt nagħilfuh moxx".

MOXXU MOXXU – Li jidher rieqed u għandu tiegħu.

MOXT – Hekk tissejjaħ il-warda tal-qoton. "Il-moxt tal-qoton meta jagħ-qad isir ġewża".

MQABBEL – Mogħti bi qbiela. "Xagħra mqabbla għall-mergħa".

MQAJJAR – Nofs niexef jew imnixxef, xott, xott. "Il-ħwejjeġ li nxarna ġa mqajrin, ftit ieħor jinxfu"; "il-ġbejniet ta' fuq il-qanniċċ għad mhumiex imqajra"; "l-art misqija, tonqoxha l-arja tidħol fiha, issir xotta xotta tiġi mqajra".

MQARDEN – Ma ġiebx ruħu, baqa' ma ħoloqx, baqa' ċkejken u niexef; baqa' magħkus fih innifsu. "Dawk is-siġar imqardnin wisq"; "mogħża mqardna"; "tiġiġiet imqardnin".

MQARNAS – Qagħad u ma kielx għal qalbu, ma ħax gost b'li qalulu, tkemmex taħt l-uġiegħ.

MRAMMA – Bħal għanqbut li jitrabba fir-ross mita jiqdiem.

MREJKBA – Dik il-ħaġa magħmula bħal imkebba, erba' qasbiet marbuta li jitilquha l-baħar biex tmexxi l-konz li jkun marbut magħha; timxi bir-riħ.

MREWWAH – Imħolli riewaħ. "Jien magħkus u ħaddieħor imrewwaħ".

MRIEGHI – *Hobż mriegħi,* naqra artab aktar milli jmissu għax ikollu ftit ilma żejjed.

MRIĠĠEL – Maħruġ mir-riġel flok mir-ras. "It-tarbija ġiet imriġġla".

MSARSRA – *Hitan imsarsra,* sa jaqgħu, imżakkra.

MSIHIR – Taqtiegħ u wġiegħ tal-imsaren imxierek mal-għamil tad-demm u x-xaħam, sabb id-demm.

MTAL, JIMTAL (għamil) – Dam, idum; "Fil-bini tal-knisja qedin jimtalu"; ħalla, iħalli għal darb'oħra, "tiġien jimtalu, għidien kbar tal-Knisja le jimtalu". MTAL (isem) – dewwim "b'ħafna mtal ma tasal imkien".

MTEXTEX – Mimsus, mhux safi. "Mara mtextxa, għalqa mtextxa" (mhix mimlija sewwa).

MTIRA – Faxx raba' ta' għalqa maqtugħ bil-moħriet u mhejji għaż-żrigħ; "baqagħli x'erba' mtajjar irrid neħlishom".

MUXQAQ – Batut bil-laħam, bħallikieku laħmu beda jixxaqqaq bis-simna.

MWAHHAL – Musmar imwaħħal mal-ħajt għax waħħluh, u frejgata meħula fil-blat għax weħlet uħidha.

M'USA' – Mill-wisa' ta'. "Fsieqi tal-ġild immellah m'usa' sieq ta' raġel".

MXIEGHER – Mixquq, miksur kemmxejn. "Tubu ta' lampa mxiegħer ma juri ċar", "biċċa flus imxiegħra ħossha jtaptap".

MŻABI – Ta' nofs skola, mhux 'il quddiem fil-għerf, għafsi għal quddiem in-nies.

MŻAQQ – Mogħwi.

MŻERNAQ – Li fih bosta lwien; "xagħar imżernaq" (abjad u iswed).

MŻIKKEM – Li għandu żikma jew tiżdima, u ħa riħ f'imnifsejh.

# MIET FR. EDMUND SUTCLIFFE, S.J.

Hafna studjużi ta' l-ilsien Malti jafu lil Fr. Edmund Sutcliffe bħala l-awtur ta' *Grammar of the Maltese Language* (1936). Smajna bil-mewt tiegħu b'niket kbir, għaliex konna nafuh mhux biss bħala studjuż tal-Malti, u għaref tal-Kotba Mqaddsa imma ukoll bħala ħabib, li kemm-il darba ktibna lil xulxin fuq kwistjonijiet li kellhom x'jaqsmu mal-Malti. Fost studjużi oħra, kien għamel reċensjoni tal-ktieb tiegħi *The Structure of Maltese* fil-*Journal of Semitic Studies*, Vol. V, No. 3, 1960, ta' l-Università ta' Manchester. Nirringrazzja lil Rev. David Hoy, S.J., ir-Rettur ta' Heythrop College, Chipping Norton, tat-tagħrif li għoġbu jagħtini fuqu, u li jiena ser inġib f'din ir-Rivista bħala tifkira tiegħu.

Twieled fl-1886, daħal Ġeżwita fl-1903 u ordna qassis fl-1920. Fl-1926 sar u baqa' sa' mewtu professur tat-Testment il-Qadim f'Heythrop College. Ftit qabel il-mewt tiegħu beda traduzzjoni ġdida tat-Testment il-Qadim, u ħadem fiha sakemm idejh felħet tibqa' iżżomm il-pinna. Sfortunatament miet qabel temm ix-xogħol iebes li daħal għalih.

Huwa awtur ta' dawn il-kotba:

*Grammar of the Maltese Language* (1936)
*A Two Year Public Ministry* (1939)
*Who Perished in the Flood and the Six Days of Creation* (1943) (pamphlets)
*The Old Testament and the Future Life* (1946)
*Providence and Suffering in the Old and New Testament* (1955)
*The Monks of the Qumran* (1960)

Edita:

*Medieval Theories of the Papacy* by R. Hull (1936)
*The Authorship of St. John's Gospel* by J. Donovan (1939)
*The Oracles of Jacob and Balaam* by E. Burrows (1939)
*The Gospel of the Infancy* by E. Burrows
*Old Testament Editor of* the *Catholic Commentary on Holy Scripture* (1953)

Ittraduċa:

*Why God Created the World* by J. Stufler (1937)

Nitolbu l-qarrejja tagħna jiftakruh fit-talb tagħhom.

L-EDITUR



Il-Professur EDMUND SUTCLIFFE, S.J.

*Stampat l-M.U.P.*